31994R3290

31.12.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 349/105

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 3290/94
tat-22 ta' Diċembru 1994
dwar l-aġġustamenti u l-arranġamenti transitorji meħtieġa fis-settur agrikolu sabiex jiġi implimentat ftehim konklużż matul ir-Round Urugwajan tan-negozjati kummerċjali multilaterali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [1], u partikolarment ta' l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi l-Komunità addottat sett ta' regoli li jirregolaw il-politika agrikola komuni;

Billi, taħt ir-*Round* Urugwajan tan-negozjati kummerċjali multilaterali, l-Komunità innegozjat ftehim varju (hawnhekk iżjed'il quddiem magħrufa bħala l-"ftehim tal-GATT"); billi diversi minn dawk l-ftehim jikkonċernaw l-agrikoltura, partikolarment il-Ftehim dwar l-Agrikoltura (hawnhekk iżjed "il quddiem magħruf bħala l-Ftehim"); billi l-konċessjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sostenn domestiku jistgħu jiġu sodisfatti billi jiġu fissati prezzijiet u għajnuna f'livell adattat u m'hemmx bżonn jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar dan is-suġġett; billi il-Ftehim jistabbilixxi programm ta' sitt snin għall-estensjoni ta'aċċess għas-suq Komunitarju għal prodotti agrikoli minn pajjiżi terzi minn banda u t-tnaqqis gradwali fis-sostenn mogħti mill-Komunità fuq esportazzjonijiet ta' prodotti agrikoli mill-banda l-oħra; billi il-leġislazzjoni agrikola dwar kummerċ ma' pajjiżi terzi għandha tiġi adattata kif xieraq;

Billi, bit-tibdil tal-miżuri kollha li jirrestringu l-importazzjoni tal-prodotti agrikoli f'dazji doganali (tariffiar) u bil-projbizzjoni ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri fil-futur, il-Ftehim jeħtieġ l-abolizzjoni ta' l-imposti varjabbli fuq l-importazzjoni u ta' miżuri oħrajn u piżijiet fuq l-importazzjoni kurrentement previsti taħt l-organizzazzjonijiet tas-suq; billi r-rati tad-dazju doganali applikabbli għall-prodotti agrikoli skond il-Ftehim għandhom jiġu fissati fit-Tariffi Komuni Doganali; billi għal ċerti gruppi ta' prodotti bħaċ-ċereali, ross, l-inbid u frott u ħxejjex, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi supplimentari jew oħrajn li ma jinvolvux il-ġbir ta' dazji doganali fissi li jitolbu l-adozzjoni ta' regoli li jipprovdu għal derogi fir-regolamenti bażi; billi, biż-zieda, l-miżuri għall-protezzjoni tas-suq Komunitarju kontra l-importazzjonijiet ta' għeneb imqadded u ċirasa proċessata jistgħu, taħt il-Ftehim dwar is-Salvagwardji, jinżammu għal perjodu ta' ħames snin; billi, madanakollu, sabiex jiġu evitati problemi ta' fornitura għas-suq Komunitarju, is-sospensjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti taz-zokkor għandha tkun permessa;

Billi, sabiex jinżamm livell minimu ta' protezzjoni kontra l-effetti kuntrarji fis-suq bħala riżultat tat-tariffar, il-Ftehim jippermetti l-applikazzjoni tad-dazji doganali addizzjonali taħt kondizzjonijiet definiti preċiżament imma biss għal prodotti soġġetti għat-tariffar; billi id-dispożizzjonijiet korrispondenti għandhom għalhekk jiġu nseriti b'mod xieraq fir-Regolamenti bażiċi konċernati;

Billi l-Ftehim jpprovdi għal serje ta' kwoti tariffarji taħt arranġamenti għall-aċċess kurrenti u minimu; billi l-kondizzjonijiet applikabbli għal dawn il-kwoti huma spjegati fid-dettall fil-Ftehim; billi, minħabba n-numru kbir ta' kwoti u sabiex jiġi assigurat li jkunu implimentati b'mod effettiv kemm jista' jkun, il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni tagħhom bl-użu tal-proċedura amministrattiva tal-kumitat;

Billi l-emendi li jirriżultaw mill-ftehim kwadru dwar il-banana konklużż ma' ċerti pajjiżi fl-Amerka t' isfel taħt ir-*Round* Urugwajan għandhom jiġu inkorporati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana [3];

Billi, ladarba l-Ftehim tas-Salvagwardji jistabilixxi regoli ċari dwar l-applikazzjoni ta' klawsoli protettivi kif inkorporati

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1884/94 (ĠU L 197, tat-30.7.1994,p. 27).

[2] Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Diċembru 1994 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).

[3] ĠU L 47, tal-25.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3518/93 (ĠU L 320, tat-22.12.1993, p. 15).

fl-oprganizzazzjonijiet tas-suq, dawn il-klawsoli għandhom jiġu supplimentati b' referenza għall-obbligi li joħorġu minn ftehim internazzjonali;

Billi fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha ma' pajjiżi terzi li m'humiex suġġetti għall-ftehim tal-GATT il-Komunità m'hiex marbuta mill-irbit għall-aċċess għas-suq Komunitarju li joħorġu minnhom; billi, sabiex jiġi assigurat li l-miżuri neċessarji jistgħu jittieħdu meta applikabbli fir-rigward tal-prodotti minn dawn il-pajjiżi, l-Kummissjoni għandha tingħata l-poteri rilevanti, li għandhom jiġu eżerċitati permezz tal-proċedura tal-kumitat amministrattiv;

Billi, bis-saħħa tal-Ftehim, l-għoti tas-sussidji għall-esportazzjoni huwa limitat minn issa 'l-quddiem għal ċerti gruppi ta' prodotti agrikoli definiti fih; billi, barra minn hekk, huwa suġġett għal limiti f' termini ta' kwantità u valur;

Billi konformità mal-limiti f' termini ta' valur tista' tiġi assigurata fil-ħin meta jiġu fissati r-rifużjonijiet u permezz ta' moniteraġġ ta' pagamenti taħt ir-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mal-FAEGG; billi l-moniteraġġ jista' jiġi faċilitat bl-iffissar obbligatorju bil-quddiem ta' rifużjonijiet, waqt li jħalli l-possibiltà, f'każ ta' rifuonijiet differenzjati, għall-bdil tad-destinazzjoni speċifikata; billi, fil-każ ta' bdil fid-destinazzjoni, r-restituzzjoni applikabbli għad-destinazzjoni attwali għandha titħallas, b'limitu fil-livell ta' l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni fissat bil-quddiem;

Billi l-moniteraġġ ta' rbit f'termini ta' kwantità jitlob għall-introduzzjoni ta' sistema ta' moniteraġġ ta' min jorbot fuqha u effettiva; billi, għal dak l-iskop, l-għoti tar-rifużjonijiet għandu jkun suġġett għal liċenza ta' esportazzjoni; billi għandhom jingħataw rifużjonijiet sal-limiti disponibbli, jiddependi mis-sitwazzjoni partikolari ta' kull prodott ikkonċernat; billi eċċezzjonijiet għal dik ir-regola għandhom ikunu permessi biss fil-każ ta' prodotti proċessati mhux elenkati fl-Anness II tat-Trattat, li għalihom limiti fil-valur ma japplikawx, u fil-każ ta' operazzjonijiet ta' assistenza fl-ikel, li huma eżentati minn kull limitazzjoni; billi għandha ssir dispożizzjoni għal derogi minn konformità stretta mar-regoli amministrattiva meta esportazzjonijiet li jibbenefikaw minn rifużjonijiet x'aktarx ma jeċċedux il-limiti ta' kwantità stabbiliti; billi l-moniteraġġ tal-kwantitajiet esportati mar-rifużjonijiet matul is-snin tas-suq imsemmija fil-Ftehim jista' jsir a-bażi ta' liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa għal kull sena tas-suq;

Billi, fil-biċċa l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq, l-esklużjoni minn rikors għall-arranġamenti għat-traffiku ta' proċessar intern jaqa' esklussivament fil-kompetenza tal-Kunsill; billi fil-kondizzjonijiet ekonomiċi li joriġinaw taħt il-Ftehim, jista' jinħass neċessarju li wieħed jirreaġixxi malajr għall-problemi tas-suq li joriġinaw mill-applikazzjoni ta' l-arranġamenti msemmija; billi f'dak ir-rigward il-kompetenza għandha tingħata lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri urġenti li huma limitati fiż-żmien; billi dawk il-miżuri għandhom ikunu soġġetti għall-applikazzjoni tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/373/KEE tat-13 ta' Lulju 1987 [1];

Billi konformità mal-Ftehim dwar Aspetti Relatati għall-Kummerċ tad-Drittijiet ta' l-Proprjetà Intellettwali għandhom ukoll ikunu assigurati; billi, għal dak l-iskop, l-istipulazzjonijiet rekwiżiti għandhom jiġu inseriti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [2];

Billi, minħabba l-emendi għal-leġislazzjoni dwar l-agrikoltura previsti f'dan ir-Regolament, ħafna mir-Regolamenti tal-Kunsill li joħorġu mir-regolamenti bażiċi m'għadhom jilħqu ebda skop; billi, minħabba ċ-ċarezza legali, għandhom jitħassru; billi ċerti dispożizzjonijiet li skadew għalkemm m'għandhomx x'jaqsmu direttament mal-ftehim tal-GATT għandhom ukoll jitħassru; billi huwa l-istess għal ċerti Regolamenti tal-Kunsill magħrufa bħala "it-tieni ġenerazzjoni" li jistgħu fil-biċċa l-kbira jiġu inkorporati fir-regolamenti bażiċi in-kwistjoni;

Billi, madankollu, għadu ma kienx possibbli li jiġu integrati r-regoli ġenerali eżistenti tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja fir-regolamenti bażiċi; billi fid-dawl ta' l-importanza ta' l-emendi magħmula neċessarji f'dak il-qasam wara l-ftehim tal-GATT, ir-regolamenti in-kwistjoni ma jistgħux jinżammu; billi għandhom għalhekk jitħassru, waqt li jipprovdu l-bażi legali sabiex ikunu jistgħu jiġu rimpjazzati;

Billi l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-agrikoltura tista' tiġi perikolata jekk il-proċeduri interni li għandhom jintużaw ikunu sostanzjalment differenti bejn is-setturi differenti; billi, għal dik ir-raġuni, jkun mixtieq li dawk il-proċeduri jsiru uniformi;

Billi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' regoli ta' implimentazzjoni ġenerali fil-passat għamlitha possibbli li jiġi provdut qafas adegwat għar-regoli l-aktar speċifiċi neċessarji għall-amministrazzjoni tas-suq; billi l-implimentazzjoni ta' l-imsemmi Ftehim dwar l-Agrikoltura m'għandhiex tpoġġi fid-dubju l-mekkaniżmi u l-proċeduri għall-amministrazzjoni tal-politika agrikola komuni;

---

[1] ĠU L 197. tat-18.7.1987, p. 33.

[2] ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1891/94 (ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 42).

Billi jkun utli li jkunu analizzati, fi stadju iktar avvanzat, kemm il-funzjonament ta' arranġamenti stabbiliti b'dan ir-Regolament u kemm l-esperjenza akkwistata bil-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-GATT; billi għal dak l-iskop, malli jiskadu l-ewwel sentejn ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew;

Billi l-bidla mill-arranġamenti eżistenti għal dawk li jirriżultaw mill-ftehim tal-GATT tista' tikkawża diffikultajiet ta'adattament li mhumiex trattati f'dan ir-Regolament; billi, sabiex tkun ittrattata dik l-eventwalità, għanda tkun inkluża dispożizzjoni ġenerali li tippermetti lill-Kummissjoni taddotta l-miżuri transitorji neċessarji għal ċertu perjodu.

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabilixxi l-adattamenti u l-miżuri trasitorji meħtieġa fis-settur agrikolu sabiex jiġi implimentat il-ftehim konkluż tul ir-*Round* Urugwajan tan-negozjati kummerċjali multilaterali.

Artikolu 2

L-adattamenti msemmija fl-Artikolu 1 huma stabbiliti fl-Annessi ma' hawnhekk.

Artikolu 3

1. Meta huma neċessarji miżuri transitorji taħt il-politika agrikola komuni sabiex jiffaċilitaw il-bidla mill-arranġamenti eżistenti għal dawk li jirriżultaw mill-ħtiġiet tal-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1, dawn il-miżuri għandhom ikunu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE [1] jew, kif xieraq, l-Artikoli korrispondenti fir-Regolamenti l-oħrajn dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, jew fir-Regolament (KE) Nru 3448/93 [2].

Meta dawn il-miżuri huma adottati, jittieħed kont tal-fatturi speċjali tas-setturi agrikoli varji, waqt li tittieħed konsiderazzjoni dovuta għall-obbligi li joriġinaw mill-ftehim imsemmi fl-Artikolu 1.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu adottati matul perjodu li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 1996 u m' għandhomx japplikaw lil hinn minn dik id-data. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jestendi dak il-perjodu.

Artikolu 4

1. Meta, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali li jaffettwaw prodott agrikolu, l-konformità mal-ħtiġiet dwar is-sostenn ta' l-esportazzjoni taħt il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 tista' tkun assigurata b' mezzi li jkollhom effett inqas minn dawk previsti għal dak l-iskop, il-Kummissjoni tista' teżenta dak il-prodott mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fuq rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni koperti minn dan ir-Regolament.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tieħu kull miżura neċessarja biex tipproteġi lis-suq Komunitarju kontra importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli minn pajjiżi terzi li lejhom il-Komunità ma għandha ebda obbligi taħt il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 1.

3. Miżuri skond il paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3(1).

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew qabel it-30 ta' Ġunju 1997 dwar l-operazzjoni ta' l-arranġamenti li jirriżultaw minn dan ir-Regolament u dwar l-esperjenza akkwistata bil-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi sabiex jiġi implimentat il-ftehim konkluż matul ir-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jiddeċiedi dwar kull emenda li tirriżulta u l-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport.

Artikolu 6

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1995.

Madankollu:

(a) l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(2) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 1995;

(b) id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi dwar dazji ta' l-importazzjoni u dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni li japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Annessi XIII u XVI li għalihom huwa applikabbli prezz tad-dħul għandhom japplikaw fl-1995 mill-bidu tas-sena tas-suq għall-prodotti kkonċernati fl-1995;

[1] ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
[2] ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18.

(ċ) id-dispożizzjonijiet fuq ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għandhom japplikaw:

— mill-1 ta' Settembru 1995 fir-rigward ta' l-Annessi II u XVI,

— mill-1 ta' Ottubru fir-rigward ta' l-Anness IV,

— mill-1 ta' Novembru 1995 fir-rigward ta' l-Anness V;

(d) id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XV għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 1995;

(e) id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVI, I.2, għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER

LISTA TA' ANNESSI

Anness I	ĊEREALI
Anness II	ROSS
Anness III	GĦALF NIEXEF
Anness IV	ZOKKOR
Anness V	ŻJUT U XAĦMIJIET
Anness VI	QANNEB U KITTIEN
Anness VII	PRODOTTI TAL-ĦALIB
Anness VIII	ĊANGA U VITELLA
Anness IX	LAĦAM TAN-NAGĦAĠ U LAĦAM TAL-MOGĦOŻ
Anness X	LAĦAM TAL-MAJJAL
Anness XI	LAĦAM TAT-TJUR
Anness XII	BAJD, OVALBUMINA U LAKTALBUMINA
Anness XIII	FROTT U ĦXEJJEX
Anness XIV	FROTT U ĦXEJJEX IPPROĊESSATI
Anness XV	BANANA
Anness XVI	INBID
Anness XVII	TABAKK
Anness XVIII	ĦOPS
Anness XIX	SIĠAR ĦAJJIN U PJANTI OĦRA, BASAL, GĦERUQ U SIMILI, FJURI MAQTUGĦA U WERAQ ORNAMENTALI
Anness XX	ŻERRIEGĦA
Anness XXI	REGOLI MIXXELLANJI
Anness XXII	IR-REĠJUNI L-AKTAR FUQ BARRA

ANNESS I

ĊEREALI

I. *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 (GU Nru L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1866/94 (GU Nru L 197, tat-30.7.1994, p. 1).*

1. L-Artikolu 3(2) għandu jitħassar.

2. Il-paragrafu segwenti jiżdied ma' l-Artikolu 3(3):

"Il-prezz ta' intervent validu għall-qamħirrum u l-qamħ sorghum f'Mejju għandu jibqa' validu f'Lulju, Awissu u Settembru tas-sena tas-suq ta' wara."

3. L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(4) għandha tiġi sostitwita b' li ġej:

"Il-prezz ta' intervent għandu jkun suġġett għal żidiet mensili għas-sena tas-suq kollha jew parti minnha."

4. L-ewwel u l-aħħar inċiżi ta' Artikolu 5 għandhom jitħassru.

5. It-Titolu II għandu jiġi sostitwit b' li ġej:

"IT-TITOLU II

Artikolu 9

1. L-importazzjonijiet fil-Komunità, jew l-esportazzjonijiet minn hemmhekk, ta' kwalunkwe prodotti elenkati fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

Il-liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' l-istabbiliment tiegħu fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 12 u 13.

Il-liċenzi ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni għandhom ikunu validi mal-Komunità kollha. Dawn il-liċenzi għandhom jinħarġu suġġett għall-alloġġ ta' titolu li jiggarantixxi li l-prodotti huma importati jew esportati matul it-terminu ta' validità tal-liċenza; ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, it-titolu għandu jintilef kollu jew parzjalment jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma jitwettqux, jew jitwettqu parzjalment, f'dak il-perjodu.

2. It-terminu ta' validità tal-liċenzi u regoli oħra dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 23.

Artikolu 10

1. Sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix xort'oħra, r-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni għandhom japplikaw għall-prodotti elenkati f'Artikolu 1.

2. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju ta' l-importazzjoni fuq prodotti koperti bil-Kodiċi NM ex 1001 barra merlin, 1002, 1003, ex 1005 ta' xort'oħra miż-żerriegħa ibrida, u ex 1007 ta' xort' oħra minn ibrida għaż-żriegħ, għandhom ikunu ugwali għall-prezz ta' intervent validu għal dawn il-prodotti fuq l-importazzjoni u żdied b' 55 %, naqqas iċ-ċif, il-prezz ta' l-importazzjoni applikabbli għall-kunsinna in-kwistjoni. Madankollu, dak id-dazju ma jistax jeċċedi r-rata ta' dazju fit-Tariffa Doganali Komuni.

3. Għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-piż fuq l-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 2:

(a) għal prodotti elenkati fil-paragrafu 2 espress fi kwalità waħda *standard* jew, kif approprjat, suddiviżi f'diversi prezzijiet *cif* rappreżentattivi fuq l-importazzjoni (qamħ komuni: għoli, medju, bass; qamħ durum; qamħirrum; żrieragħ oħra ta' għalf).

Dawn il-prezzijiet rappreżentattivi *cif* fuq l-importazzjoni għandhom jiġu stabbiliti regolarment;

(b) kull kunsinna għall-importazzjoni għandha tiġi klassifikata skond l-eqreb kwalità fost il-kwalitajiet *standard* imsemmija f'(a).

4. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23.

Ir-Regoli dettaljati jispeċifikaw partikolarment:

— il-kwalitajiet *standard* li għandhom jintużaw,

— il-kwotazzjonijiet tal-prezz li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni,

— il-metodu ta' kalkolu tal-ħlas fuq l-importazzjoni għal kull kunsinna klassifikata skond waħda mill-kwalitajiet *standard* imsemmija fil-paragrafu 3 (a),

— il-possibiltà, meta xieraq f'każijiet speċifiċi, li operaturi jingħataw l-opportunità li jkunu jafu l-piż applikabbli qabel il-wasla tal-kunsinna konċernata.

Artikolu 11

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(2), sabiex jiġu evitati jew megħluba effetti kuntrarji fis-suq fil-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' ċerti prodotti elenkati fl-Artikolu 1, l-importazzjonijiet ta' prodott wieħed jew iktar minn dawn bir-rata tad-dazju stabbilita fl-Artikolu 10 għandhom ikunu suġġetti għall-ħlas ta' dazju ta' l-importazzjoni addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan ta' negozjati kummerċjali multilaterali jkunu ġew stabbiliti sakemm l-importazzjonijiet mhux probabbli li jiddisturbaw is-Suq Komunitarju, jew meta l-effetti jkunu disproporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. L-anqas prezzijiet li taħthom jista' jkun impost dazju addizzjonali ta' l-importazzjoni għandhom ikunu dawk mibgħuta lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ lill-Komunità.

L-anqas kwantitajiet li għandhom jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta' l-importazzjoni addizzjonali għandhom jiġu determinati, *inter alia*, a bażi ta' l-importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin li jippreċedu dik li fiha l-effetti kuntrarji msemmija fil-paragrafu 1 joriġinaw jew jidhru li joriġinaw.

3. Il-prezzijiet ta' l-importazzjoni li għandhom jiġu kunsidrati meta jiġi impost dazju addizzjonali ta' l-importazzjoni għandhom jiġu determinati a-bażi tal-prezz ta' l-importazzjoni *cif* tal-kunsinna konċernata.

Il-prezzijiet ta' l-importazzjoni *cif* jkunu kontrollati b'dak l-iskop kontra l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott fis-suq dinji jew fis-suq Komunitarju ta' l-importazzjoni għal dak il-prodott.

4. Il-Kummissjoni għandha taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 23. Dawn ir-regoli dettaljati għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari:

(a) il-prodotti li għalihom jistgħu jkunu applikati dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra neċessarji għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 tal-Ftehim imsemmi.

Artikolu 12

1. Il-kwoti tariffarji għall-prodotti elenkati f'Artikolu 1 li jirriżultaw mill-Ftehim konkluż fl-ambitu tan-negozjati kummerċjali tar-*Round* Urugwajan għandhom jinfetħu u jiġu amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 23.

2. Il-Kwoti jistgħu jiġu amministrati bl-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b' kombinazzjoni tagħhom:

— il-metodu bażat fuq l-ordni li fiha l-applikazzjonijiet huma sottomessi (fuq bażi ta' 'min ikun l-ewwel, jiġi servut l-ewwel'),

— il-metodu ta' l-allokazzjoni ta' kwoti a proporzjon tal-kwantitajiet mitluba meta huma sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu tal-'kontroll simultanju')

— il-metodu bażat fuq ċirkulazzjonijiet tradizzjonali tal-kummerċ (bl-użu tal-metodu tal-'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi xierqa oħra jistgħu jiġu adottati.

Dawn għandhom jevitaw kull diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat għandu, meta approprjat, jagħti piż dovut lill-ħtiġiet ta' fornitura tas-suq Komunitarju u l-bżonn li jiġi salvagwardat l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għall-kwoti korrispondenti għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konkluż fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu għall-ftuħ tal-kwoti annwali, jekk neċessarju spazjati kif imiss matul is-sena, waqt li jiddeterminaw il-metodu ta' l-amministrazzjoni li għandu jiġi applikat u inkluż, meta approprjat, dispożizzjoni għal:

(a) garanziji li jkopru n-natura, il-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) rikonoxximent tad-dokumenti użati għall-verifika tal-garanziji msemmija f'(a); u

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom joħorġu l-liċenzi ta' l-importazzjoni u t-terminu tal-validità tagħhom.

Fil-każ tal-kwota ta' l-importazzjoni fi Spanja ta' 2,000,000 tunnellati metriċi ta' qamħirrun u 300,000 tunnellata metrika ta' sorgħum u l-kwota ta' l-importazzjoni fil-Portugall ta' 500,000 tunnellata metrika ta' qamħirrun, dawk ir-regoli dettaljati għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji għat-twettiq ta' l-importazzjonijiet tal-kwota u, meta approprjat, il-ħażna pubblika tal-kwantitajiet importati mill-aġenziji ta' intervent ta' l-Istati Membri konċernati u d-dispożizzjoni tagħhom fis-swieq ta' dawk l-Istati Membri.

Artikolu 13

1. Sal-punt neċessarju li jippermetti l-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 biex jiġu esportati mingħajr aktar ipproċessar jew f'forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B a-bażi tal-kwotazzjonijiet jew prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq dinji u fil-limiti li jirriżultaw mill-ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-kwotazzjonijiet jew prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità jistgħu jiġu koperti bir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni.

Rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 f'forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B ma jistgħux ikunu ogħla minn dawk applikabbli għal dawn il-prodotti esportati mingħajr aktar ipproċessar.

2. Il-metodu addottat għall-allokazzjoni ta' kwantitajiet eliġibbli għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni għandu jkun dak:

(a) l-atar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fis-suq ikkonċernat, u dak jippermetti r-riżorsi disponibbli biex jintużaw bl-aktar mod effiċjenti possibbli, b' kont meħud ta' l-effiċjenza u l-istruttura ta' esportazzjonijiet Komunitarji mingħajr, madankollu, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-anqas goff fis-sens amministrattiv għall-operaturi, b' kont meħud tal-ħtiġiet ta' l-amministrazzjoni;

(ċ) li jevita kull diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet għandhom ikunu l-istess għall-Komunità kollha. Dawn jistgħu ivarjaw skond id-destinazzjoni, meta s-sitwazzjoni fis-suq mondjali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq jirrikjedu hekk.

Ir-rifużjonijiet għandhom jiġu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 23.

Ir-Rifużjonijiet jistgħu jiġu fissati:

(a) f'intervalli regolari;

(b) bi stedina għal offerta għall-prodotti li fir-rigward tagħhom saret dispożizzjoni għal dik il-proċedura fil-passat.

Rifużjonijiet iffissati f'intervalli regolari jistgħu, meta neċessarju, jiġu aġġustati fil-perjodu ta' intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' l-Istat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja.

4. Rifużjonijiet fuq prodotti elenkati fl-Artikolu 1 u esportati mingħajr aktar ipproċessar għandhom biss jingħataw fuq applikazzjoni u mal-prezentazzjoni tal-liċenza rilevanti ta' esportazzjoni.

5. Ir-Rifużjoni applikabbli għall-esportazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 esportati mingħajr iktar ipproċessar għandha tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dak applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew, meta approprjat;

(b) għad-destinazzjoni reali, jekk mhix l-istess bħal dik indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli m'għandux jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni ta' fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jiġu addottati sabiex jipprevjenu l-flessibiltà ta' dan il-paragrafu milli tkun abbużata.

6. Il-paragrafi 4 u 5 jistgħu jsiru japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 u esportati f'forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

7. Il-paragrafi 4 u 5 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 li fuqhom jitħallsu rifużjonijiet taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23.

8. Ħlief jekk provdut xort' oħra skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23, ir-rifużjoni fuq prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) skond il-paragrafu 5 għandha tiġi aġġustata skond il-livell taż-żidiet mensili applikabbli għall-prezz ta' intervent u, meta xieraq, bidliet f'dak il-prezz.

Ammont korrettiv jista' jiġi fissat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23. Madankollu, l- Kummissjoni tista', meta neċessarju, tibdel ammonti korrettivi.

L-ewwel u t-tieni subparagrafi jistgħu jiġu applikati, kompletament jew in-parti, għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(ċ) u (d) u għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 u esportati f'forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B. F'dak il-każ, l-aġġustament imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi korrett bl-applikazzjoni maż-żieda mensili ta' koeffiċjent li jesprimi l-proporzjon bejn il-kwantità tal-prodott bażiku u l-kwantità ta' l-aħħar kontenuta fil-prodott ipproċessat esportat jew użat fil-prodotti esportati.

Għall-ewwel tliet xhur tas-sena tas-suq, ir-rifużjoni applikabbli għall-esportazzjoni tax-xgħir maħżun fl-aħħar tas-sena tas-suq preċedenti jew magħmul mix-xgħir li jkun hemm maħżun f'dak il-ħin għandu jkun dak li kien ikun ġie applikat fir-rigward taċ-ċertifikat in-kwistjoni għall-esportazzjonijiet tul l-aħħar xahar tas-sena tas-suq preċedenti.

9. Safejn ikun neċessarju biex jittieħdu in-konsiderazzjoni l-fatturi ta' produzzjoni karatteristici għal ċerti xarbiet spiritużi ottenuti miċ-ċereali, l-kriterji għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni kif previst fil-paragrafu 1 u l-proċeduri għall-verifika jistgħu jiġu adattati biex joqgħodu f'din is-sitwazzjoni partikolari.

10. Konformità mal-limiti dwar volumi li jirriżultaw minn ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat għandha tkun assigurata a bażi taċ-ċertifikati ta' esportazzjoni maħruġa għall-perjodi ta' referenza previsti hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fir-rigward tal-konformità ma' l-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu ta' referenza m'għandux jaffettwa l-validità ta' liċenzi ta' esportazzjoni.

11. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti għar-ridistribuzzjoni ta' kwantitajiet mhux allokati u mhuz użati, u b'mod partikolari dawk dwar l-addattament previst fil-paragrafu 9 għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23. L-Anness B għandu jiġi emendat skond l-istess proċedura. Madankollu, regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 6 għal prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u esportati fil-forma ta' merkanzija msemmija fl-Anness, għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

Artikolu 14

1. Safejn hu neċessarju għall-operazzjoni tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali, l-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jipprojbixxi kompletament jew parzjalment l-użu ta' arranġamenti ta' proċessar intern:

— fir-rigward ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 li huma intiżi għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(ċ) u (d), u

— f'każijiet speċjali, fir-rigward ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 li huma intiżi għall-fabbrikazzjoni ta' merkanzija elenkata fl-Anness B.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq Komunitarju jiġi disturbat jew x' aktarx jiġi disturbat minn arranġamenti ta' proċessar intern, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, tiddeċiedi dwar miżuri neċessarji; il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jiġu notifikati b'dawn il-miżuri, li għandhom ikunu validi għal mhux aktar minn sitt xhur u għandhom ikunu immedjatament applikabbli. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, għandha tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu msemmija lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma jemenda jew iħassar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha titqies li tħassret.

Artikolu 15

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kumbinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandhom japplikaw għall-klassifika tariffarja tal-prodotti koperti b' dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm mhux provdut xort'oħra f'dan ir-Regolament jew skond id-dispożizzjoni, dan li ġej għandu jiġi projbit fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi;

— l- imposta ta' kull piż li jkollu effett ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kull restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha effett ekwivalenti.

Artikolu 16

1. Meta l-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet fis-suq dinji għal prodott wieħed jew aktar minn dawk elenkati fl-Artikolu 1 jilħqu l-livell ta' prezzijiet Komunitarji u meta dik is-sitwazzjoni x'aktarx tkompli u taqleb għall-aghar u hekk tiddisturba jew thedded lis-suq Komunitarju, miżuri xierqa jistgħu jittieħdu.

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23.

Artikolu 17

1. Jekk, għar-raġuni ta' żieda fl-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet, is-suq Komunitarju fi prodott wieħed jew aktar minn dawk elenkati fl-Artikolu 1 huwa effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jipperikola l-akkwist ta' l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri approprjati jistgħu jiġu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi sakemm din id-disturbazzjoni jew theddida ta' disturbazzjoni jitwaqqfu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, għandu jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u għandu jiddetermina l-każi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri ptrotettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jiġu riferuti lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien tlett ijiem utli mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' bla dewmien. Jista' waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew iħassar il-miżura in kwistjoni.

4. Dan l-artikolu għandu jiġi applikat fir-rigward ta' obbligi li jirriżultaw mill-ftehim konkluż skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat".

6. Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness A:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2306	Ċappa taż-żejt u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miħuna jew le jew fil-forma ta' *pellets*, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' xaħmijiet jew żjut veġetali, ta' xorta oħra minn dawk ta' l-intestaturi 2304 u 2305:
2306 90	- Oħrajn: - - Oħrajn:
2306 90 91	- - - Ta' żerriegħa tal-qamħirrum

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2729/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 (ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 18).*

Il-kliem "imposta" u "imposti" jiġu sostitwiti b' "dazju" u "dazji" rispettivament.

III. *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3670/93 tat-22 ta' Diċembru 1993 (ĠU L 338, tal-31.12.1993, p. 35).*

Ir-Regolament ta' hawn fuq huwa mħassar.

ANNESS II

IR-ROSS

I. *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 (OJ Nru L 166, tal-25.6.1976, p. 1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE Nru 1869/94 (ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 7).*

1. L-Artikolu 4(5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Dan li ġej għandu jiġi determinat skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 27:

(a) wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri konċernati, ċ-ċentri ta' intervent imsemmija fil-paragrafu 4;

(b) ir-rata għall-konverżjoni tar-ross bil-fosdqa mneħħija f'ross bil-ħliefa jew viċi-versa;

(ċ) ir-rata tal-bdil tar-ross sħiħ f'ross imfarrak jew semi-mitħun jew viċi-versa;

(d) l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-valur ta' bi-prodotti li għandhom jiġu kunsidrati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3."

2. It-Titolu II għandu jiġi sostitwit b' li ġej:

"TITOLU II

Kummerċ ma' pajjiżi terzi

Artikolu 10

1. Importazzjonijiet fil-Komunità jew esportazzjonijiet minn hemm, ta' kull prodott elenkat fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-presentazzjoni ta' liċenza ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

Liċenzi għandhom jinħarġu mill-Istati Membri lil kull applikant, irrispettivament mill-post tiegħu ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda għall-applikazzjoni fl-Artikoli 14 u 15.

Liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha. Dawn il-liċenzi għandhom jinħarġu soġġett għall-alloġġ ta' titolu li jiggarantixxi li l-prodotti huma mportati jew esportati matul it-terminu ta' validità tal-liċenza; ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, it-titolu għandu jitwarrab kompletament jew parzjalment jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma jitwettqux, jew jitwettqu biss parzjalment, matul dak il-perjodu.

2. It-terminu ta' validità tal-liċenzi u regoli dettaljati oħrajn għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

Artikolu 11

1. Sussidju jista' jiġi ffissat għal kunsinni lid-dipartiment de *Reunion* Franċiż *extra*-kontinentali, intiżi għall-konsum hemm, ta' prodotti li jaqgħu fil-kodiċi NM 1006 (eskluża l-kodiċi 1006 10 10) li jiġu minn Stati Membri u jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(2) tat-Trattat.

Dak is-sussidju għandu jiġi fissat, waqt li jittieħed kont tal-ħtiġiet supplimentari tas-suq ta' *Reunion*, a-bażi tad-differenza bejn il-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet tal-prodotti rilevanti fis-suq dinji u l-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet ta' dawk il-prodotti fis-suq Komunitarju, u, jekk necessarju, l-prezz ta' dawk il-prodotti mwassla lir-Reunion.

Is-sussidju għandu jingħata ma' applikazzjoni mill-parti konċernata. Is-sussidju jista' jiġi fissat, meta approprjat, bi proċedura ta' offerti. Din il-proċedura ta' offerti għandha tirrelata għall-ammont ta' sussidju.

Is-sussidju għandu jiġi fissat perjodikament skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27. Madankollu meta jkun hemm bżonn, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, taltera s-sussidju fl-intervall.

2. Ir-regoli dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni għandhom japplikaw għas-sussidju previst fil-paragrafu 1.

3. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

Artikolu 12

1. Sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni għandhom japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1.

2. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju ta' l-importazzjoni fuq:

(a) ir-ross mingħajr fosdqa kopert mill-kodiċi NM 1006 20 għandu jkun ugwali għall-prezz ta' intervent validu għar-ross *indica* u *japonica* rispettivament fuq l-importazzjoni, miżjud bi:

— 80 % fil-każ tar-ross *indica*, u

— 88 % fil-każ tar-ross *japonica*,

inaqqas il-prezz ta' l-importazzjoni; u

(b) ross kompletament miṫhun kopert mill-kodiċi NM 1006 30 għandu jkun ugwali għall-prezz ta' intervent fiż-żmien ta' l-importazzjoni, flimkien ma' perċentwali li għandu jiġi kalkolat u anqas mill-prezz ta' l-importazzjoni.

Madankollu, dak id-dazju ma jistax jeċċedi d-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni.

Il-perċentwali msemmija f'(b) għandha tiġi kalkolata billi jiġi aġġustat il-perċentwal rispettiv imsemmi f'(a) b'referenza għar-rata ta' konversjoni, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-valur ta' prodotti sekondarji, u mbagħad jiżdied l-ammont għall-protezzjoni ta' l-industrija.

3. Minkejja l-paragrafu 1:

(a) ebda dazju ma għandu jiṫhallas fuq importazzjonijiet ta' prodotti koperti mill-kodiċi NM 1006 10, 1006 20, jew 1006 40 00 fid-dipartiment ta' Reunion Franċiż *extra*-Kontinentali, intiż għall-konsum hemm;

(b) id-dazju li għandu jiṫhallas fuq importazzjonijiet ta' prodotti koperti mill-Kodiċi NM 1006 30 fid-dipartiment ta' Reunion Franċiż *extra*-kontinentali, intiż għall-konsum hemm għandu jiġi multipplikat b' koeffiċjent ta' 0,30.

4. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27. Dawn ir-regoli dettaljati għandhom jistabilixxu b'mod partikolari l-kriterji għad-distinzjoni tat-tipi ta' ross importat imsemmija fil-paragrafu 2; jiffissaw l-ammont għall-protezzjoni ta' l-industrija u jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji biex jiġu determinati u kalkolati prezzijiet ta' l-importazzjoni u tiġi kontrollata l-awtentiċità tagħhom.

Artikolu 13

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 (2) sabiex jiġu prevenuti jew megħluba effetti kuntrarji fis-suq Komunitarju li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' ċerti prodotti elenkati fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' prodott wieħed jew aktar bir-rata ta' dazju stabbilita fl-Artikolu 10 għandhom ikunu soġġetti għal ħlas ta'dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fil-kwadru tar-*Round* Urugwajan ta' negozjati kummerċjali multilaterali ġew sodisfatti sakemm l-importazzjonijiet x'aktarx ma jiddisturbawx is-suq Komunitarju, jew meta l-effetti kienu jkunu sproporzjonati għall-objettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu li taħthom dazju addizzjonali jista' jiġi mpost għandhom ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex jiġi mpost dazju addizzjonali ta' l-importazzjoni għandhom jiġu determinati partikolarment a bażi ta' importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin li jippreċedu s-sena li fiha l-effetti kuntrarji msemmija fil-paragrafu 1 joriġinaw jew x'aktarx joriġinaw.

3. Il-prezzijiet ta' l-importazzjoni li għandhom jiġu kunsidrati għall-impożizzjoni ta' dazju addizzjonali ta' l-importazzjoni għandhom jiġu determinati a bażi tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni *cif* tal-kunsinna in-kwistjoni.

Il-prezz ta' importazzjoni *cif* għandu jiġi verifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq dinji jew fis-suq Komunitarju ta' importazzjoni għall-prodott in-kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27. Dawn ir-regoli dettaljati għandhom jispeċifikaw b' mod partikolari:

(a) il-prodotti li jistgħu jiġu applikati lilhom dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni skond it-termini ta' l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħrajn neċessarji sabiex jassiguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 14

1. Sal-punt neċessarju li jippermetti l-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 biex jiġu esportati mingħajr aktar ipproċessar jew fil-forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B a bażi ta' kwotazzjonijiet jew prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq dinji u fil-limiti li jirriżultaw mill-ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-kwotazzjonijiet jew prezzijiet u prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

Rifużjonijiet fuq il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 fil-forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B ma jistgħux ikunu ogħla minn dawk applikabbli għal dawn il-prodotti esportati mingħajr aktar ipproċessar.

2. Il-metodu li għandu jiġi addottat għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet li jistgħu jiġu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fis-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu effiċjenti possibbli tar-riżorsi disponibbli, waqt li jittieħed kont ta' l-effiċjenza u l-istruttura ta' l-esportazzjonijiet Komunitarji mingħajr, madankollu, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-anqas goff, mil-lat amministrattiv, għal operaturi li jieħdu kont ta' ħtiġiet amministrattivi;

(ċ) li jipprevjeni kull diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet għandhom ikunu l-istess għall-Komunità kollha. Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, meta s-sitwazzjoni fis-suq dinji jew il-ħtiġiet speċifiċi ta' ċerti swieq jagħmlu dan neċessarju.

Ir-rifużjonijiet għandhom jiġu fissati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

Ir-rifużjonijiet jistgħu jiġu fissati:

(a) f'intervalli regolari;

(b) bi stedina għal offerta għal prodotti li għalihom dik il-proċedura ġiet stabbilita fl-imgħoddi.

Ir-rifużjonijiet iffissati f'intervalli regolari jistgħu, meta neċessarju, jiġu aġġustati fil-perjodu ta' intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja tiegħu.

Ir-rifużjonijiet iffissati f'intervalli regolari għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) għandhom jiġu fissati mill-inqas darba fix-xahar.

4. Dan li ġej għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fir-rigward ta':

— prezzijiet u disponibilità ta' ross u ross miksur fis-suq Komunitarju;

— prezzijiet ta' ross u ross miksur fis-suq dinji.

(b) l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross, li għandhom jassiguraw ekwilibriju u l-iżvilupp naturali ta' prezzijiet u kummerċ f' dan is-suq;

(ċ) limiti li jirriżultaw minn ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat;

(d) il-bżonn li tiġi evitata disturbanza fis-suq Komunitarju;

(e) l-aspett ekonomiku ta' l-esportazzjonijiet proposti.

Meta l-ammont ta' rifużjoni jiġi stabbilit, għandu jittieħed kont partikolari tal-bżonn li jiġi stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi agrikoli tal-Komunità għall-esportazzjoni bħala prodotti proċessati lejn pajjiżi terzi, u l-użu ta' prodotti bażiċi agrikoli minn dawn il-pajjiżi ammessi għal ipproċessar intern.

5. Ir-rifużjonijiet għal prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) għandhom jiġu fissati bil-kriterji speċifiċi li ġejjin:

(a) prezzijiet għal dawk il-prodotti ottenuti fis-swieq varji rappreżentattivi ta' esportazzjoni tal-Komunità;

(b) il-kwotazzjonijiet l-aktar favorevoli reġistrati fis-swieq varji ta' pajjiżi terzi ta' importazzjoni; u

(ċ) spejjeż ta' *marketing* u spejjeż ta' trasport l-iktar favorevoli mis-swieq Komunitarji msemmija f'(a) għal portijiet jew punti oħrajn ta' esportazzjoni fil-Komunità li jaqdu dawn is-swieq, kif ukoll spejjeż akkumulati fit-tqegħid ta' merkanzija fis-suq dinji.

6. Meta r-rifużjonijiet huma fissati permezz ta' proċedura ta' offerti, din il-proċedura ta' offerti għandha tirrelata għall-ammont tar-rifużjoni.

7. Ir-rifużjonijiet fuq prodotti elenkati fl-Artikolu 1 u esportati mingħajr aktar ipproċessar għandhom jingħataw biss ma' l-applikazzjoni u ma' preżentazzjoni tal-liċenza rilevanti ta'esportazzjoni.

8. Ir-Rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 esportati mingħajr iktar ipproċessar għandha tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, applikabbli fl-istess jum għal:

(a) destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew

(b) id-destinazzjoni attwali kemm-il darba tvarja mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu sabiex jiġi evitat abbuż tal-flessibiltà previst f'dan il-paragrafu.

9. Il-paragrafi 7 u 8 jistgħu japplikaw għal prodotti elenkati fl-Artikolu 1 u esportati f'forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

10. Il-paragrafi 7 u 8 jistgħu jitwarrbu fil-każ ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

11. Ħlief kif provdut xort'oħra skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27, ir-rifużjoni fuq prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) applikabbli skond il-paragrafu 4 għandha tiġi aġġustata skond l-ammont ta' żidiet mensili applikabbli għall-prezz ta' intervent u, meta approprjat, bidliet f'dak il-prezz, jiddependi mill-grad ta' proċessar u l-użu tar-rata ta' konversjoni applikabbli.

Ammont korrettiv jista' jiġi fissat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27. Madankollu, l-Kommissjoni tista', meta neċessarju, taltera ammonti korrettivi.

L-ewwel u t-tieni subparagrafi jistgħu jiġu applikati, kompletament jew parzjalment, għal prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(ċ) u għal prodotti elenkati fl-Artikolu 1 u esportati f'forma ta' prodotti elenkati fl-Anness B. F'dak il-każ, l-aġġustament imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi korrett bl-applikazzjoni ta' koeffiċjent li jesprimi l-proporzjon bejn il-kwantità ta' prodott bażiku u l-kwantità ta' l-aħħar kontenuta fil-prodott ipproċessat esportat jew użat fil-prodotti esportati.

12. Ir-rifużjoni tista' tiżdied b'ammont kompensatorju fir-rigward ta' ħażniet ta' ross fil-ħliefa miġbur fil-Komunità u ross bil-fosdqa mneħħija ottenut minn hemm, fl-idejn fl-aħħar tas-sena tas-suq u jifforma parti mill-prodott ta' dik is-sena, li jkunu esportati mingħajr aktar ipproċessar fil-forma ta' ross kompletament mitħun jew ross nofsu-mitħun bejn il-bidu tas-sena tas-suq ta' wara u d-dati li għad għandhom jiġu determinati. Qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu, jekk neċessarju, jiddetermina l-prodotti li għandhom japplikaw għalihom id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu preċedenti.

L-ammont kompensatorju għandu ikun:

— fil-każ tar-ross mingħajr il-fosdqa, ugwali għad-differenza bejn il-prezz mira validu għall-aħħar xahar tas-sena tas-suq u dak validu għall-ewwel xahar tas-sena l-ġdida tas-suq,

— fil-każ tar-ross fil-fosdqa, ugwali għad-differenza aġġustata bir-rata tal-konversjoni.

Dan l-ammont għandu madankollu jitnaqqas bl-ammont ta' kull pagament miġjub 'il quddiem diġà mogħti, skond l-Artikolu 8.

L-ammont kompensatorju jingħata biss kemm-il darba l-ħażniet jilħqu l-livell minimu.

13. Ir-rifużjoni fuq il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(a) u (b) għandha titħallas mal-prova li:

— l-prodotti, fil-każ tar-ross fil-fosdqa u r-ross mingħajr il-fosdqa, huma ta'oriġini Komunitarja, ħlief meta japplika l-paragrafu 14,

— il-prodotti ġew esportati mill-Komunità, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, il-prodotti jkunu waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissata r-rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 (b). Jistgħu jsiru eċċezzjonijiet oħra għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27, sakemm jiġu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

Dispożizzjonijiet addizzjonali jistgħu jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

14. Ebda rifużjoni ta' l-esportazzjoni ma għandha tingħata fuq ross fil-ħliefa u ross mingħajr il-fosdqa li jkunu importati minn pajjiżi terzi u ri-esportati lejn pajjiżi terzi sakemm l-esportatur ma jippruvax:

— li l-prodott li għandu jiġi esportat u l-prodott importat qabel huma l-istess, u

— li l-imposta inġabret ma' l-importazzjoni.

F'dawn il-każijiet ir-rifużjoni fuq kull prodott għandha tkun ugwali għad-dazji miġbura ma' l-importazzjoni meta ta' l-aħħar huma aktar baxxi mir-rifużjoni applikabbli; meta d-dazji miġbura ma' l-importazzjoni huma ogħla minn dik ir-rifużjoni, japplika dan ta' l-aħħar.

15. Konformità mal-limiti dwar volumi li jirriżultaw minn ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat għandha tiġi assigurata a bażi taċ-ċertifikati ta' esportazzjoni maħruġa għall-perijodi ta' referenza previsti hemmhekk u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fir-rigward ta' konformità ma'l-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu referenzjali m' għandux jaffettwa l-validità ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni.

16. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-riallokazzjoni ta' kwantitajiet esportati mhux allokati jew mhux użati, partikolarment fir-rigward ta' l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 11, għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27. L-Anness B għandu jiġi emendat skond l-istess proċedura. Madankollu, regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 7 għal prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u esportati fil-forma ta' prodotti msemmija fl-Anness għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

Artikolu 15

1. Safejn hu neċessarju għall-operazzjoni tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross, il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każijiet speċjali jipprojbixxi kompletament jew parzjalment l-użu ta' arranġamenti ta' proċessar intern jew estern fir-rigward ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1.

2. B' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinħoloq b'urġenza eċċezzjonali u s-suq Komunitarju jiġi disturbat jew x'aktarx jiġi disturbat minn arranġamenti ta' proċessar intern jew estern, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja tagħha, tiddeċiedi fuq il-miżuri neċessarji; l-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jiġu notifikati b' dawn il-miżuri, li għandhom ikunu validi għal mhux iktar minn sitt xhur u għandhom ikunu immedjatament applikabbli. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, għandha tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi riferuta lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih tkun l-ewwel ġiet notifikata. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iħassar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 16

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kumbinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandhom japplikaw għall-klassifika tariffarja tal-prodotti koperti b' dan ir-Regolament; in-nomenklatura tariffarja li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet elenkati fl-Anness A, għandhom jiġu nkorporati fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm mhux provdut xort'oħra f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet adottati in segwitu, dan li ġej għandu jiġi projbit;

— l-imposti ta' kull piż li jkollu effett ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kull restrizzjoni kwantitattiva fuq importazzjonijiet jew miżura li jkollha effett ekwivalenti.

Artikolu 17

1. Meta l-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet fis-suq dinji għal prodott wieħed jew aktar elenkati fl-Artikolu 1(a) u (b) jilħqu l-livell ta' prezzijiet Komunitarji u meta dik is-sitwazzjoni x' aktarx tkompli u tiddeterjora u hekk tiddisturba jew thedded li tiddisturba s-suq Komunitarju, miżuri approprjati jistgħu jittieħdu.

2. Kwotazzjonijiet jew prezzijiet fis-suq dinji għandhom jitqiesu bħala li laħqu l-livell tal-prezzijiet Komunitarji meta javviċinaw jew jeċċedu l-prezz ta' intervent tax-xiri għal ross *indica* u *japonica*, miżjud bi:

— 80 % fil-każ tar-ross *indica*, u

— 80 % fil-każ tar-ross *japonica*.

3. Is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies li aktarx se tippersisti jew tiddeterjora meta jkun hemm żbilanċ bejn provvista u domanda u meta dak l-iżbilanċ x'aktarx jippersisti minħabba previżjoni ta' produzzjoni u tendenzi tal-prezz tas-suq.

4. Is-suq tal-Komunità għandu jitqies li ġie disturbat jew mhedded b'disturb, bħala riżultat tas-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafi preċedenti, meta prezzijiet kummerċjali internazzjonali huma hekk għolja li jimpedixxu l-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 fil-Komunità, jew biex jipprovokaw l-esportazzjoni tagħhom mill-Komunità, u hekk jipperikolaw l-istabbilità tas-suq jew is-sigurtà tal-provvisti.

5. Meta l-kondizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu jiġu sodisfatti, l-miżuri li ġejjin jistgħu jittieħdu:

— applikazzjoni ta' imposta ta' l-esportazzjoni; b'żieda, imposta speċjali ta' l-esportazzjoni tista' tiġi determinata bi proċedura ta' offerti fir-rigward ta' kwantità fissa,

— l-iffissar ta' limitu ta' żmien għall-ħruġ ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni,

— sospensjoni totali jew parzjali għall-ħruġ ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni,

— ċaħda totali jew parzjali ta'applikazzjonijiet pendenti għall-ħruġ ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni,

Dawn il-miżuri għandhom jitħassru fl-iktar tard meta jinstab li, għal perjodu ta' tliet ġimgħat konsekuttivi, il-kondizzjoni msemmija fil-paragrafi 2 m' għadhiex tiġi sodisfatta.

6. Dan li ġej għandu jiġi kkunsidrat meta imposta fuq l-esportazzjoni qed tiġi fissata għal prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) u (b):

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fir-rigward ta':

— prezzijiet u disponibbiltà ta' ross fis-suq Komunitarju:

— prezzijiet għal ross u prodotti proċessati fis-settur tar-ross fis-suq dinji;

(b) il-miri ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tar-ross, li għandhom jassiguraw l-ekwilibriju kemm għall-fornitura u kemm għall-kummerċ;

(ċ) il-bżonn li jiġi evitat disturb fis-suq Komunitarju;

(e) l-aspett ekonomiku ta' l-esportazzjonijiet.

7. Meta l-imposta ta' esportazzjoni fuq il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(ċ) tkun qiegħda tiġi fissata, l-fatturi elenkati fil-paragrafu 6 għandhom japplikaw. B'żieda, l-fatturi speċifiċi li ġejjin għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni:

(a) il-prezzijiet għal ross miksur fis-swieq varji tal-Komunità;

(b) il-kwantità ta' ross miksur neċessarju għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti taħt konsiderazzjoni u, meta xieraq, il-valur tal-prodotti sekondarji;

(ċ) opportunitajiet u kondizzjonijiet ta' bejgħ għall-prodotti in-kwistjoni fis-suq dinji.

8. Meta s-sitwazzjoni fis-suq dinji u l-ħtiġiet speċifiċi ta' ċerti swieq jitolbu hekk, l-imposta fuq l-esportazzjoni tista' tiġi differenzjata.

9. L-imposta ta' esportazzjoni li għandha titħallas għandha tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-esportazzjoni. Madankollu, l-imposta applikabbli fil-jum ta' alloġġ ta' l-applikazzjoni għal liċenza għandha tiġi applikata, kemm-il darba l-applikant jitlob hekk fiż-żmien tat-talba għal liċenza, għal esportazzjoni li għandha titwettaq matul il-perjodu ta' validità.

10. Ebda imposta ma tista' tiġi applikata għal esportazzjonijiet li jitwettqu taħt l-arranġamenti ta' l-assistenza ta' l-ikel skond l-Artikolu 25.

11. Regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27.

Skond l-istess proċedura u għal kull wieħed mill-prodotti:

— għandha tittieħed deċiżjoni biex tistabilixxi l-miżuri elenkati fil-paragrafu 5 u jieqfu l-miżuri elenkati fit-tieni u t-tielet inċiżi ta' dak il-paragrafu,

— l-imposta ta' esportazzjoni għandha tiġi fissata perjodikament.

Meta neċessarju, l-Kummissjoni tista' tistabilixxi jew timmodifika l-imposta ta' l-esportazzjoni.

12. F'każijiet urġenti, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri msemmija fit-tielet u r-raba inċiżi tal-paragrafu 5. Għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri u għandha tippubblikaha fin-*notice boards* tal-kwartieri ġenerali tagħha. Il-miżuri għandhom, permezz ta' din id-deċiżjoni, jiġu applikati għall-prodotti rilevanti mid-data speċifikata għal dak l-iskop, b'dak il-jum għandu jkun sussegwenti għad-data tan-notifika. Id-deċiżjoni dwar il-miżuri msemmija fit-tielet inċiż tal-paragrafu 5 għandha tkun applikabbli għal perjodu li ma jaqbiżx is-sebat ijiem.

Artikolu 18

1. Jekk, għar-raġuni ta' importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, is-suq Komunitarju fi prodott wieħed jew aktar mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 huwa effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li x'aktarx jipperikola l-akkwist ta' l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri approprjati jistgħu jiġu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi sakemm dan id-disturb jew theddida ta' disturb jkunu waqfu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u għandu jiddefinixxi f'liema każijiet u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni għandha, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha proprja, tiddeċiedi dwar il-miżuri neċessarji. L-Istati Membri għandhom jiġu notifikati b'dawn il-miżuri, li għandhom ikunu immedjatament applikabbli. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, għandha tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem utli mill-irċevuta tat-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jiġu riferuti lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien tliet ijiem utli mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Huwa jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżuri in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu għandu jiġi applikat b'qies għall-obbligi li joriġinaw mill-ftehim konkluż skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

II. *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1423/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 (ĠU L 166,25 6. 1976, p. 20)*

L-Artikolu 3 għandu jitħassar.

III. *Ir.Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1428/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 (ĠU L 166,25 6. 1976, p. 30)*

Ir.Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1431/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 (ĠU L 166,25 6. 1976, p. 36)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1432/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 (ĠU L 166,25 6. 1976, p. 39)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1433/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 (ĠU L 166,25 6. 1976, p. 42)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1263/78 tat-12 ta' Ġunju 1978 (ĠU C 156, 14 6. 1978, p. 14)

Ir-Regolamenti ta' hawn fuq għandhom jitħassru.

ANNESS III

GĦALF NIEXEF

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1117/78 tat-22 ta' Mejju 1978 (ĠU L 142, 30 5. 1978, p. 2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3496/93 (ĠU L 319, tal-21.12.1993 p. 17)

1. Fit-Titolu II l-Artikolu li ġej huwa inserit qabel Artikolu 7.

"Artikolu 6a

Sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix xort'oħra, r-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni għandhom japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1."

2. Artikolu 7(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sakemm ma jkunx ipprovdut xort'oħra f'dan ir-Regolament jew skond dispożizzjoni tiegħu, dan li ġej għandu jiġi projbit fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi;

— l-imposta ta' kull piż li jkollu effett ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kull restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha effett ekwivalenti."

3. Artikolu 8(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Jekk, għar-raġuni ta' żieda fl-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet, is-suq Komunitarju fi prodott wieħed jew iktar minn dawk elenkati fl-Artikolu 1 huma effettwati minn, jew mhedda b'disturb serju li x'aktarx jipperikola l-otteniment ta' l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri approprjati jistgħu jiġu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi sakemm dan id-disturb jew theddida ta' disturb jkunu waqfu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, għandu jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u għandu jiddetermina l-każijiet u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni għandha fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, tiddeċiedi dwar il-miżuri neċessarji; l-Istati Membri għandhom jiġu notifikati b'dawn il-miżuri, li għandhom ikunu immedjatament applikabbli. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din għandha tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem utli minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jiġu referuti lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien tlett ijiem utli mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in- kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu għandu jiġi applikat fir-rigward ta' l-obbligi li jirriżultaw minn ftehim konkluż skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

ANNESS IV

ZOKKOR

I. *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 tat-30 ta' Ġunju 1981 (OJ Nru L 177, ta' l-1.7.1981, p. 4), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 133/94 (ĠU L 22, tas-27.1.1994, p. 7)*

1. It-Titolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"IT-TITOLU II

Kummerċ ma' pajjiżi terzi

Artikolu 13

1. Importazzjonijiet fil-Komunità, jew esportazzjonijiet minn hemm, ta' kwalunkwe mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a), (b), (ċ), (d), (f), (g) u (h) għandhom ikunu soġġetti għal presentazzjoni ta' liċenza ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

Liċenzi għandhom jinħarġu mill-Istati Membri lil kull applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tiegħu fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' Artikoli 16 u 17.

Liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha. Dawn il-liċenzi għandhom jinħarġu soġġetti għall-alloġġ ta' titolu li jiggarantixxi li l-prodotti huma impurtati jew esportati matul terminu ta' validità tal-liċenza; ħlief f'każijiet ta' *force majeure* it-titolu għandu jitwarrab kompletament jew parzjalment jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma jitwettqux, jew jitwettqu biss parzjalment f' dak il-perjodu.

2. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41:

(a) l-iskema prevista b'dan l-Artikolu tista' tkun estiża biex tkopri l-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(e);

(b) it-terminu ta' validita tal-liċenzi u regoli dettaljati oħrajn għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, li jistgħu jistabilixxu partikolarment limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-liċenzi, għandu jiġi addottat.

Artikolu 14

1. Sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix xort'oħra, r-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni għandhom japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1.

2. Minkejja l-paragrafu 1, sabiex ikun assigurat li s-suq Komunitarju jkun fornit adegwatament bil-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) (zokkor mhux maħdum għar-raffinar li jaqa taħt il-kodiċi NM 1701 11 10 u 1701 12 10) u l-Artikolu 1(1)(ċ) (għasel) permezz ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista' skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, tissospendi kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni ta' dazji ta' l-importazzjoni fuq dawn il-prodotti, u tistabbilixxi arranġamenti għal kwalunkwe sospensjoni ta' din ix-xorta.

Is-sospensjoni tista' tapplika għal perjodu li fih il-prezz fis-suq dinji flimkien mad-dazju ta' l-importazzjoni fit-Tariffa Doganali Komuni:

— fil-każ taz-zokkor mhux maħdum, teċċedi l-prezz ta' intervent għall-prodott;

— fil-każ ta' għasel, teċċedi l-livell tal-prezz li jikkorrispondi għall-prezz ta' għasel użat bħala bażi għas-sena tas-suq taz-zokkor in-konsiderazzjoni, għall-istabbiliment tad-dħul minn bejgħ ta' għasel skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(2).

Artikolu 15

1. Sabiex jiġu evitati jew megħluba effetti kuntrarji fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli, importazzjonijiet ta' prodotti wieħed jew iktar minn dawn bir-rata ta' dazju stabbilita fit-Tariffa Doganali Komuni għandhom ikunu suġġetti għal pagament ta'dazju ta' l-importazzjoni addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati kummerċjali multilaterali jkunu ġew sodisfatti sakemm l-importazzjonijiet x'aktarx ma jiddisturbawx is-suq Komunitarju, jew meta l-effetti kienu jkunu sproporzjonati għall-objettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu li taħthom dazju addizzjonali jista' jiġi impost għandhom ikunu dawk notifikati mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Kummerċjali Dinjija.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta' importazzjoni addizzjonali għandhom b'mod partikolari jiġu stabbiliti a bażi ta' importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin li jipprečedu s-sena li fiha l-effetti kuntrarji msemmija fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew aktarx jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta' importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju addizzjonali ta' l-importazzjoni għandhom jiġu determinati a bażi tal-prezzijiet *cif* ta' l-importazzjoni tal-kunsinna in-konsiderazzjoni.

Il-prezzijiet *cif* ta' importazzjoni għandhom jiġu verifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq dinji jew fis-suq Komunitarju ta' importazzjoni għal dak il-prodott.

4. Il-Kummissjoni għandha taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 41. Dawn ir-regoli dettaljati għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari:

(a) l-prodotti li għalihom għandhom japplikaw dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni taħt it-termini ta' l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) l-kriterja l-oħrajn neċessarji sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

L-Artikolu 15a

Għall-għasel:

— il-prezz dinji tas-suq imsemmi fl-Artikolu 14(2), u

— il-prezz rappreżentattiv imsemmi fl-Artikolu 15(3),

għandhom japplikkaw għall-kwalità *standard*.

Il-kwalità *standard* tista' tiġi stabbilita skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.

Artikolu 16

1. Il-kwoti tariffarji għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati kummerċjali multilaterali għandhom ikunu miftuħa u amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.

2. Il-kwoti għandhom jiġu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'kombinazzjoni tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tal-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew'),

— il-metodu tad-distribuzzjoni a proporzjon tal-kwantitajiet mitluba meta l-applikazzjonijiet kienu preżentati (bl-użu tal-metodu ta' l-'eżami simultanju'),

— il-metodu bażat fuq li jiġu kunsidrati mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'tradizzjonali/ġodda').

Metodi xierqa oħrajn jistgħu jintużaw.

Dawn għandhom jevitaw kull diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat għandu, meta approprjat, jagħti l-importanza dovuta lill-ħtiġiet ta' fornitura tas-suq Komunitarju u l-bżonn li jiġi salvagwardat l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu għall-ftuħ tal-kwoti annwali, mqassma b'mod adattat matul is-sena; għandhom jiddeterminaw il-metodu amministrattiv li għandu jkun applikat b'dan, meta xieraq, għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw:

(a) garanziji li jkopru in-natura, il-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) il-kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-termin tal-validita tagħhom.

Artikolu 17

1. Sal-punt meħtieġ li jippermetti l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a), (ċ) u (d) biex ikunu esportati mingħajr aktar ipproċessar jew f'forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness I a bażi tal-kwoti jew prezzijiet fis-suq mondjali għal dawk il-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (ċ) u fil-limiti li jirriżultaw mill-ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-kwotazzjonijiet jew prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti mir-rifużjonii ta'esportazzjoni.

Ir-rifużjoni ta'esportazzjoni mogħtija għaz-zokkor mhux maħdum ma tistax teċċedi dik għaz-zokkor abjad.

2. Id-dispożizzjoni tista' ssir għar-rifużjoni ta' esportazzjoni fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(f), (g) u (h) u esportati mingħajr aktar ipproċessar jew fil-forma ta' prodotti msemmija fl-Anness I.

Meta jkun qed jigi determinat l-ammont ta' rifużjoni, għal kull 100 kg ta' materja niexfa tittieħed konsiderazzjoni partikolari ta':

(a) ir-rifużjoni applikabbli ta' esportazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt is-sotto-titolu 1702 30 91 tan-Nomenklatura Kombinata;

(b) ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(1)(d);

(c) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet ippjanati.

3. Ir-rifużjonijiet applikabbli għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness I ma jkunux ikbar minn dawk applikabbli għal dawn il-prodotti esportati mingħajr aktar ipproċessar.

4. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fuq is-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu possibbli effiċjenti tar-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont tal-effiċjenza u struttura ta'l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-Anqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont li jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

5. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha. Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fuq is-suq mondjali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jirrikjedu.

Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41. Ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu fissati:

(a) f'intervalli regolari;

(b) bi stedina għal *tenders* għal prodotti li għalihom dik il-proċedura kienet stabbilita fl-imgħoddi.

Ir-rifużjonijiet fissati f'intervalli regolari, fejn hemm bżonn, jistgħu jkunu aġġustati fil-perjodu ta' intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

Tenders sottomessi bi tweġiba għal stedina ma jkunux ikkunsidrati kemm-il darba ma jitpoġġiex depożitu. Għajr f'każijiet ta' *force majeure*, id-depożitu jintilef kollu jew f'parti jekk dawk li jitfghuh ma jkunux wettqu, jew wettqu parzjalment biss, l-obbligazzjonijiet imposti fuqhom.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 17a, 17b u 17ċ li jirrigwardaw prodotti m'humiex denaturati u esportati mingħajr aktar ipproċessar mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a), (ċ) u (d) japplikaw addizzjonalment.

6. Meta l-ammont ta' rifużjonijiet ikun issettjat, tittieħed konsiderazzjoni partikolari tal-bżonn li jkun stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi agrikoli tal-Komunità għall-esportazzjoni bħala prodotti proċessati lejn pajjiżi barra l-Komunita, u l-użu ta' prodotti minn dawn il-pajjiżi ammessi għal ipproċessar intern.

7. Ir-rifużjonijiet fuq prodotti mniżżla fil-paragrafu 1 u esportati mingħajr aiktar ipproċessar jingħataw biss fuq applikazzjoni u fuq preżentazzjoni ta' liċenza ta' esportazzjoni rilevanti.

8. Ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 esportati mingħajr aktar ipproċessar tkun applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjat, applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

9. Il-paragrafi 5 u 6 jistgħu jsiru japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 u esportati f'forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness I skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

10. Il-paragrafi 5 u 6 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 41.

11. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita, u

— li fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissata rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6 (b). Eċċezzjonijiet, iżda, jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

Dispożizzjonijiet supplimentari jistgħu jkunu fissati skond il-proċedura li hemm ipprovdut għaliha fl-Artikolu 41.

12. Ebda rifużjoni ma tingħata fuq esportazzjonijiet fl-istat naturali tal-prodotti mhux denaturati li għalihom hemm riferenza fl-Artikolu 1(1)(a) jekk, jiddependi fuq il-każ, ma kinux:

(a) miksuba mill-kannamieli jew qasab taz-zokkor maħsuda fil-Komunita;

(b) impurtati fil-Komunità skond l-Artikolu 33;

(ċ) miksuba minn wieħed mill-prodotti impurtati in-segwitu għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b).

13. Ebda rifużjoni ma tingħata fuq esportazzjonijiet fl-istat naturali tal-prodotti mhux denaturati li għalihom hemm riferenza fl-Artikolu 1(ċ) u (d) li m'humiex ta'oriġini Komunitarja jew li ma kinux miksuba minn zokkor impurtat fil-Komunità skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8b (b) jew minn prodotti li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 8b (ċ).

14. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat jkun żgurat a bażi tal-liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati.

15. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti għar-ridistribuzzjoni mhix allokata jew il-kwantitajiet esportabbli m'humiex użati, u l-emendament ta'l-Anness I jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41. Madankollu, regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 6 għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1 u esportati f'forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness jiġu addottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

Artikolu 17a

1. Dan l-artikolu jkun jgħodd għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq il-prodotti m'humiex denaturalizzati esportati fl-istat naturali li għalihom hemm riferenza fl-Artikolu 1(1)(a).

2. Fejn jidħol l-iffissar perjodiku tar-rifondi għall-prodotti li għalihom hemm riferenza fl-Artikolu 1(1)(a);

(a) ir-rifużjonijiet ikunu fissati kull ġimgħatejn.

Madankollu, tali fissar jista jieqaf skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41 jekk jinstab li ebda eċċess ta' zokkor m'hu ottenibbli fil-Komunità għal esportazzjoni a bażi tal-prezzijiet tas-suq mondjali. F'dak il-każ ma tingħata l-ebda rifużjoni;

(b) meta tkun qed tigi fissata r-rifużjoni, s-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità u f'dik mondjali taz-zokkor, u partikolarment dak li ġej, tittieħed in-konsiderazzjoni:

— il-prezz ta'intervent għaz-zokkor abjad għall-inħawi tal-Komunità bl-akbar eċċess jew il-prezz ta'intervent għaz-zokkor mhux maħdum għall-inħawi tal-Komunità li huwa meqjus li jkun rappreżentattiv għall-esportazzjoni ta' dan it-tip ta' zokkor,

— l-ispejjeż tat-trasport taz-zokkor mill-inħawi li hemm riferenza għalihom f'(a) għal portijiet jew punti oħra ta'esportazzjoni fil-Komunita,

— l-infiq tal-kummerċ u kwalunkwe trasbord, trasport u spejjeż ta' ippakkjar li jsiru fin-negozju taz-zokkor fis-suq mondjali,

— kwotazzjonijiet jew prezzijiet irrekordjati għaz-zokkor fis-suq mondjali, u

— l-aspett ekonomiku ta' l-esportazzjonijiet proposti.

3. Fejn jidħol l-iffissar bit-*tender* għall-prodotti li għalihom hemm riferenza fl-Artikolu 1(1)(a);

(a) l-iskop tat-*tender* ikun li jiddetermina l-ammont tar-rifużjoni;

(b) l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistiednu *tenders* skond strument li jorbot bil-liġi fl-Istati Membri kollha. Dan l-istrument jistabilixxi t-termini ta' l-invit għat-*tender*. Dawn it-termini jridu jiggarantixxu aċċess ugwali għall-persuni kollha stabbiliti fil-Komunita;

(ċ) it-termini ta' l-invit għat-*tender* ikunu jinkludu limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tat-*tenders*. L-ammont massimu tar-rifużjoni għall-invit inkwistjoni jkun iffissat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41 fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara l-għeluq tal-limitu ta' żmien u fid-dawl tar-riċeviment tat-*tenders*. Meta l-ammont massimu jkun qed ikun ikkalkulat, tittieħed konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni ta' provediment u prezzijiet fil-Komunita, prezzijiet u ħruġ potenzjali fis-suq mondjali u spejjeż magħmula fl-esportazzjoni taz-zokkor.

Tunnellaġġ massimu jista' jkun iffissat skond l-istess proċedura;

(d) fejn jistgħu jkunu effettwati esportazzjonijiet a bażi ta' rifużjoni li huwa iktar baxx minn dak li kieku jirriżulta mit-teħid in-konsiderazzjoni tad-differenza bejn prezzijiet fil-Komunità u l-prezzijiet fis-suq mondjali u fejn l-esportazzjonijiet huma għal destinazzjoni speċifika, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jkunu meħtieġa li joħorġu invit speċjali għal tender, it-termini ta' liema jkunu jinkludu:

— il-possibilta ta' sottomissjoni ta' *tenders* fi kwalunkwe żmien sakemm il-proċedura tat-*tendering* tkun mitmuma, u

— ammont massimu tar-rifużjoni, ikkalkulat fid-dawl tal-ħtiġijiet għall-esportazzjonijiet in kwistjoni;

(e) jekk l-ammont tar-rifużjoni muri f'*tender*:

— jeċċedi l-massimu fissat, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ma jilqgħux dak it-*tender*,

— ma jeċċedix il-massimu, dawk l-awtoritajiet jiffissaw ir-rifużjoni f'ammont ugwali għar-rifużjoni li jidher fit-*tender* in-kwistjoni.

4. Ir-rifużjoni fuq zokkor mhux maħdum:

(a) tkun iffissata fuq il-kwalita *standard* iddefinita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 431/68;

(b) iffissata perjodikament skond il-paragrafu 2 (a):

— ma teċċedix 92 % tar-rifużjoni għaz-zokkor abjad għall-istess perjodu. Madankollu, dan il-limitu ma jkunx japplika għal rifużjonijiet li jridu jkunu fissati għaz-zokkor *'candy'*,

— jkun immultiplikat għal kull operazzjoni ta'esportazzjoni taħt konsiderazzjoni b'fattur ta' konversjoni li jkun akkwistat billi jkun diviż il-prodott taz-zokkor mhux maħdum esportat, ikkalkulat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 431/68, bi 92;

(ċ) l-ammont massimu iffissat in segwitu għal paragrafu 3 (ċ) fl-ambitu ta' tender ma jistax jeċċedi 92 % tal-ammont massimu fissat fl-istess żmien għaz-zokkor abjad in segwitu għal dak il-paragrafu.

Artikolu 17b

1. Ir-rifużjoni fuq il-prodotti non-denaturalizzati esportati fl-istat naturali mniżżla fl-Artikolu 1(1)(ċ), tkun iffissata kull xahar, billi tittieħed konsiderazzjoni tal-:

(a) prezz tal-għasel użat biex ikunu determinati r-riċevimenti mill-bejgħ ta'għasel għas-sena taz-zokkor in-kwistjoni in segwitu għall-Artikolu 4(2);

(b) prezzijiet u swieq potenzjali tal-għasel fuq is-suq tal-Komunita.

(ċ) kwotazzjonijiet jew prezzijiet ta'l-għasel fuq is-suq dinji; u

(d) l-aspett ekonomiku ta' l-esportazzjoni proposta.

Madankollu, tali fissar jista jieqaf skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41 jekk jinstab li ebda eċċess ta' għasel m'hu ottenibbli fil-Komunità għal esportazzjoni a bażi tal-prezzijiet tas-suq mondjali. F'dak il-każ ma tingħata ebda rifużjoni;

2. F'ċirkostanzi speċjali l-ammont tar-rifużjoni jista' jkun iffissat b'*tender* għal kwantitajiet speċifiċi u nħawi speċifiċi tal-Komunita. (a) l-iskop tat-*tender* ikun biex jiddetermina l-ammont tar-rifużjoni;

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati jistiednu għal *tenders* a bażi ta' awtorizzazzjoni billi jispeċifikaw it-termini ta' l-invit għal *tender*. Dawn it-termini jridu jiggarantixxu aċċess ugwali għall-persuni kollha stabbiliti fil-Komunita;

Artikolu 17c

1. L-ammont bażiku tar-rifużjoni jkun iffissat kull xahar fuq il-prodotti non-denaturalizzati esportati fl-istat naturali li għalihom hemm riferenza fl-Artikolu 1(1)(d).

Madankollu, kull iffissar perjodiku jista' jkun imwaqqaf skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41 jekk l-iffissar perjodiku tar-rifużjoni fuq iz-zokkor abjad mhux ipproċessat aktar, jkun sospiż. F'dan il-każ ma tingħata ebda rifużjoni.

2. L-ammont bażiku tar-rifużjoni fuq il-prodotti li għalihom hemm riferenza fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tas-'*sorbose*', jkun ugwali għal wieħed fil-mija ta' ammont li jkunu waslu għalih billi ħadu in-konsiderazzjoni:

(a) id-differenza bejn il-prezz ta' intervent għaz-zokkor abjad għall-inħawi tal-Komunità bl-akbar eċċess għax-xahar li għalih l-ammont bażiku huwa fissat, u l-kwotazzjonijiet tal-prezzijiet għaz-zokkor abjad irrekordjati fis-suq mondjali;

(b) il-bżonn ta' stabiliżżar ta' bilanċ bejn:

— l-użu tal-prodotti bażiċi tal-Komunità fil-manifattura ta' prodotti proċessati għall-esportazzjoni għal pajjiżi barra l-Komunita, u

— l-użu ta' prodotti ta' pajjiż barra l-Komunità miġjuba taħt arranġamenti għal ipproċessar intern.

3. Fil-każ tas-'*sorbose*', l-ammont bażiku tar-rifużjoni ikun ugwali għall-ammont bażiku tar-rifużjoni mnaqqas b'wieħed fil-mija tar-rifużjoni tal-produzzjoni validu in segwitu għar-Regolament (KEE) Nru 1010/86 għall-prodotti mniżżla fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

4. L-applikazzjoni ta' l-ammont bażiku tar-rifużjoni tista' tkun limitata għal xi prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(d).

Artikolu 18

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor, il-Kunsill, b'aġir skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta' arranġamenti ta'ipproċessar intern:

— fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (d), u

— f'każijiet speċjali, fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li huma intiżi għall-manifatturi tal-prodotti mniżżla fl-Anness I.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta'ipproċessar intern jew estern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; l-Kunsill u l-Istati Membri jkunu mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux iktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 19

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew in segwitu għad-dispożizzjoni li toħroġ minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

(a) li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

(b) l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 20

1. Fejn il-prezz taz-zokkor fis-suq mondjali jeċċedi l-prezz ta' intervent, tista' ssir dispożizzjoni li tapplika *levy* ta'esportazzjoni fejn jidħol iz-zokkor in-kwistjoni. Din il-*levy* trid tkun applikata meta l-prezz *cif* taz-zokkor abjad jew taz-zokkor mhux maħdum huwa ikbar mill-prezz ta' intervent flimkien ma' ammont ugwali għas-somma ta' 10 % tal-prezz ta'intervent u tal-*levy* tal-ħażna applikabbli matul is-sena tas-suq konċernata.

Il-*levy* ta'esportazzjoni tista' tkun stabbilita b'*tender*. Minbarra fil-każ tat-*tendering*, il-*levy* li trid titħallas tkun dik applikabbli fil-jum ta' esportazzjoni.

2. Fejn il-prezz *cif* fuq iz-zokkor abjad u mhux maħdum huwa ikbar mill-prezz ta'intervent flimkien ma'ammont ugwali għas-somma ta'10 % tal-prezz ta'intervent u l-*levy* tal-ħażna applikabbli matul is-sena tas-suq ikkonċernata, l-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' jiddeċiedi li jagħti sussidju ta'importazzjoni għall-prodotti in-kwistjoni.

Fejn ikun stabbilit li:

(a) fornimenti għall-Komunità jew;

(b) fornimenti għal reġġjun ta' konsum maġġuri fil-Komunita;

ma jkunux jistgħu jkunu żgurati minn dak li jeżisti fil-Komunita, bil-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jiddeċiedi li jagħti sussidju ta' importazzjoni u jiddetermina l-kondizzjonijiet ta'l-applikazzjoni għalih. Dawk il-kondizzjonijiet jirrelataw partikolarment għall-kwantità ta' zokkor abjad jew mhux maħdum li se jkun kopert mis-sussidju, għal kemm idum is-sussidju u, safejn ikun meħtieġ, ir-reġjuni importaturi.

3. Dan li ġej ikun deċiż skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 41.

(a) il-prezzijiet *cif* li hemm riferenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2;

(b) l-arranġamenti l-oħra għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Fil-każ tal-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(1)(b), (ċ), (d), (f), (g) u (h) dispożizzjonijiet simili għal dawk fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.

4. L-ammonti li jinbtu mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu fissati mill-Kummissjoni. Madankollu, l-*levies* ta'esportazzjoni stabbiliti bit-*tendering* ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 41.

Artikolu 21

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb jkunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefenixxi l-każijiet u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

2. L-Artikolu 26 jkun emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1 l-aħħar sentenza tkun irrimpjazzata bi:

"L-Artikoli 8, 9, 17 u 20 ma jkunux japplikaw għal tali zokkor u l-Artikoli 9, 17 u 20 għal tali '*isoglucose*' u xiropp tal-insulina".

(b) Ir-riferenza għal "Artikolu 18" fil-paragrafu 2 tkun irrimpjazzata b'riferenza għal "L-Artikolu 20".

3. L-Artikolu 35 jkun emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 (4) jkun sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ebda dazju ta'importazzjoni ma jkun japplika għal importazzjonijiet ta' zokkor preferenzjali."

(b) Fil-paragrafu 2, "li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 21(2)" tkun irrimpjazzata bi "li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 19(2)".

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 431/68 tad-9 t'April 1968 (GU Nru L 89, 10 4. 1968, p. 3)*

L-Artikolu 2 ikun imħassar.

III. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 766/68 tat-18 ta' Ġunju 1976 (GU Nru L 143, tal-25.6.1968, p. 6), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1489/76 (GU Nru L 167, tas-26.6.1976, p. 13)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 770/68 tat-18 ta' Ġunju 1976 (GU Nru L 143, tal-25.6.1968, p. 16)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 226/72 tal-31 ta' Jannar 1972 (GU Nru L 28, ta' l-1.2.1972, p. 3)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 608/72 tat-23 ta' Marzu 1972 (GU Nru L 75, tat-28.3.1972, p. 5)

Ir-Regolamenti ta' hawn fuq jiġu mħassra.

ANNESS V

ŻJUT U XAĦMIJIET

I. *Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 (GU Nru 172, tat-30.9.1966, p. 3025), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3179/93 (GU Nru L 285, ta' l-20.11.1993, p. 9)*

1. Titolu I jkun sostitwit b'dan li ġej:

"IT-TITOLU I

Kummerċ

Artikolu 2

1. Importazzjonijiet fil-Komunità ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2)(ċ) jew il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi NK 0709 90 39, 0711 20 90, 2306 90 19, 1522 00 39 jkunu suġġetti għal preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni.

Esportazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa mill-Komunità jkunu suġġetti għal preżentazzjoni ta' liċenza ta'esportazzjoni.

Esportazzjonijiet mill-Komunità ta' prodotti oħra mniżżla fl-Artikolu 1(2) jistgħu jkunu suġġetti għal preżentazzjoni ta' liċenzi ta' esportazzjoni.

Liċenzi jinħarġu minn l-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tefa' ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma impurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-term tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

Artikolu 2a

Għajr jekk ma jkunx provdut mod ieħor f'dan ir-Regolament, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 2b

1. Bla preġudizzju għall-Artikolu1 2 (2) sabiex ikunu evitati u milqugħa effetti avversi fuq is-suq fil-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew iktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-Round Urugwajan dwar in-negozjat fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw is-suq tal-Komunita jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost jkunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Mondjali tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja mbarkata in- kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fuq is-suq mondjali jew fuq is-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 38. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikularment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond l-Artikolu 5 ta' l- imsemmi Ftehim.

Artikolu 3

1. Sal-punt meħtieġ li jippermetti ż-zejt taż-żebbuġa u ż-żerriegħa tal-kolza u tar-rapa maħsuda fil-Komunità biex ikunu esportati a bażi ta' kwotazzjonijiet jew prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq mondjali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-kwotazzjonijiet jew prezzijiet u prezzijiet fil-Komunità tista' tkun koperta minn rifużjoni ta'esportazzjoni.

2. Għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni, jkun stabbilit metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fuq is-suq konċernat, biex hekk jippermetti l-aktar użu possibbli effiċjenti li għandu jsir mir-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont ta'l-effiċjenza u struttura ta'l-importazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) huwa l-anqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, waqt li jagħti każ ta'l-imperattivi maniġerjali;

(ċ) jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha.

Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fuq is-suq mondjali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq jirrendu dan neċessarju. Fejn għandu x'jaqsam iż-żejt taż-żebbuġa, r-rifużjoni tista' tkun iffissata wkoll f'livelli differenti skond il-kwalita u l-preżentazzjoni fejn is-sitwazzjoni fis-suq mondjali jew il-ħtiġiet speċifiċi ta' ċerti swieq jirrendu dan neċessarju.

Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38. Għaż-żejt taż-żebbuġa, jistgħu jkunu fissati rifużjonijiet, partikularment:

(a) f'intervalli regolari;

(b) bi stedina għal *tender* jekk is-sitwazzjoni tas-suq hekk tirrikjedi. Għaż-żejt taż-żebbuġa l-istedina għal *tender* tista' tkun ristretta għal ċerti pajjiżi ta' destinazzjoni, ċerti kwantitajiet u kwalitajiet u preżentazzjonijiet.

Għajr fejn iffissati minn stedina għal *tender*, l-ammont ta' rifużjonijiet ikun iffissat ta' l-inqas darba fix-xahar. Fejn meħtieġ, ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu aġġustati fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

4. Rifużjoni għal żejt taż-żebbuġa tkun iffissata fid-dawl ta:

(a) is-sitwazzjoni u tendenzi simili:

— fis-suq tal-Komunita, fejn jidħlu l-prezzijiet u l-provediment taż-żejt taż-żebbuġa.

— fis-suq tal-mondjali, fejn jidħlu l-prezzijiet taż-żejt taż-żebbuġa;

(b) il-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat;

Madankollu, fejn is-sitwazzjoni tas-suq mondjali ma tippermettix l-aktar prezzijiet favorevoli għaż-żejt taż-żebbuġa biex ikunu determinati, jista' tittieħed konsiderazzjoni tal-prezz f'dak is-suq taż-żjut vegetali prinċipalment kompetittivi u ta'l-intervall irrikordjat fuq perjodu rappreżentattiv bejn dak il-prezz u l-prezz għaż-żejt taż-żebbuġa.

L-ammont tar-rifużjoni ma jistax jeċċedi d-differenza bejn il-prezz taż-żejt fil-Komunità u dak fis-suq mondjali, aġġustat jekk ikun hemm bżonn biex jieħu in-konsiderazzjoni l-ispejjeż ta' esportazzjoni tal-prodotti għal dak is-suq.

5. Rifużjonijiet għal żerriegħa tal-kolza u r-rapa jkunu fissati fid-dawl ta:

(a) l-prezzijiet li jiksbu fil-Komunità fis-swieq differenti rappreżentattivi għall-ipproċessar u l-esportazzjoni u l-livell tal-prezzijiet fis-suq fil-Komunità għaż-żerriegħa tal-kolza u r-rapa u t-tendenzi mistennija f'dawn il-prezzijiet;

(b) is-sitwazzjoni fil-Komunità rigward il-provediment ta' dawn il-prodotti f'relazzjoni mat-talba;

(ċ) l-aktar prezzijiet favorevoli irrekordjati fis-swieq varji tal-pajjiżi importaturi barra l-Komunità;

(d) l-ispejjeż ta' l-imbarkazzjoni fis-suq mondjali;

(e) l-aspetti ekonomiċi fuq l-esportazzjonijiet proposti.

(f) il-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi in-segwitu ta' Artikolu 228 tat-Trattat;

6. Ir-rifużjonijiet jingħataw biss fuq talba u fuq il-preżentazzjoni tal-liċenza ta'importazzjoni rilevanti.

7. Ir-Rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żerriegħa tal-kolza u r-rapa tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjat, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew, jekk addattat;

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jitneħħew fil-każ taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żerriegħa tal-kolza u r-rapa li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 38.

9. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat jkun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Rigward il-qbil ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu taħt il-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu ta' riferenza ma jkunx jaffettwa il-validita tal-liċenzi ta'esportazzjoni.

10. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi d-dispożizzjonijiet rigward ir-ridistribuzzjoni ta' kwantitajiet mhux allokati jew m'humiex użati esportabbli, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 38.

Artikolu 3a

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 3b

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jipperikola l-akkwist ta'l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb jkunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jaddotta regoli ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

2. L-Artikolu 4(1) jkun sostitwit b'dan li ġej:

"1. Prezz ta' produzzjoni tal-bidu, prezz ta'intervent u prezz tas-suq rappreżentattiv għaż-żejt taż-żebbuġa jkunu fissati kull sena għall-Komunita.

Madankollu, meta matul is-sena tas-suq il-fatturi li jintużaw biex jiddeterminaw il-prezz tas-suq rappreżentattiv għaż-żejt taż-żebbuġa jgħaddu minn bidla li, a bażi tal-kriterja li trid tkun stabbilita taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38, tista' tkun kunsidrata bħala sostanzjali, tittieħed deċiżjoni taħt l-imsemmija proċedura biex ikun aġġustat il-prezz tas-suq rappreżentattiv matul is-sena tas-suq.

F'tali każi, l-livell ta'għajnuna tal-konsum li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 11(5) u (6) jista' jkun aġġustat skond l-istess proċedura."

3. L-Artikoli 9, 14, 15, 16, 17, 18 u 19 ikunu mħassra.

4. L-Artikolu 20 jkun sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 20

1. Fejn Iż-żejt taż-żebbuġa jkun esportat lil pajjiżi barra l-Komunità u l-prezzijiet mondjali jkunu ogħla mill-prezz tal-Komunita, tista tkun iċċarġjata *levy* li tkopri d-differenza.

2. Għaż-żejt taż-żebbuġa li m'għaddiex minn proċess ta' raffinament, l-ammont ta' *levy* ma jeċċedix il-prezz *cif* għaż-żejt taż-żebbuġa mnaqqas bil-prezz tas-suq rappreżentattiv iffissat in segwitu għall-Artikoli 4 u 6. Il-prezz *ċif* ikun stabbilit a bażi ta' possibbiltajiet ta' xiri favorevoli fis-suq mondjali, bil-prezzijiet ikunu aġġustati fid-dawl ta' kwalunkwe differenzi in-relazzjoni mad-denominazzjoni jew kwalita tal-prodotti konċernati.

Għaż-żejt taż-żebbuġa li għadda minn proċess ta' raffinament, l-ammont ta' *levy* m'għandux jaqbeż il-prezz *ċif* li hemm riferenza għalih fl-ewwel subparagrafu mnaqqas bil-prezz tas-suq rappreżentattiv, bl-ammont tad-differenza jkun miżjud, kif suppost, b'piż ta' 111 li jirrappreżenta l-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa verġni meħtieġ biex ikunu prodotti 100 kg ta' żejt taż-żebbuġa raffinat jew bil-piż ta' 149 li jirraporeżenta l-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa li jibqa' mhux maħdum biex ikunu prodotti 100 kg ta' żejt taż-żebbuġa li jifdal raffinat.

3. Il-*levy* ta'esportazzjoni tkun iffissata mill-Kummissjoni.

4. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 38."

5. L-Artikolu 20a jkun sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 20a

1. Żejt taż-żebbuġa użat għall-manifattura ta' ħut priservat li jaqa' taħt il-kodiċi NK 1604, bl-eċċezzjoni tas-sotto titolu 1604 30, krustaċji u molluski riservati li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 1605 u l-ħxejjex priservati li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005, jibbenefikaw minn sistema ta' rifużjoni ta' produzzjoni.

2. L-ammont ta' rifużjoni jkun iffissat a bażi tad-differenza bejn il-prezzijiet miksuba fis-suq mondjali u fis-suq tal-Komunita. Għal dan l-iskop jittieħed in-konsiderazzjoni dan li ġej:

— il-ħlas ta'importazzjoni applikabbli għaż-żejt taż-żebbuġa taħt is-sotto-titolu KN 1509 90 00 matul perjodu riferenzjali;

— il-fatturi meħudin in-konsiderazzjoni waqt l-iffissar tar-rifużjonijiet ta'esportazzjoni validi għaż-żejt taż-żebbuġa li jaqgħu taħt is-sotto-titolu KN 1509 90 00 matul perjodu riferenzjali.

Madankollu, fejn iż-żejt taż-żebbuġa użat fil-manifattura tal-priservi kien prodott fil-Komunita, r-rifużjoni ikun ugwali għall-ammont li hemm riferenza għaliha fis-sotto-paragrafu preċedenti, flimkien ma'ammont ugwali għall-għajnuna ta' konsum applikabbli fil-jum li fih kienet applikata r-rifużjoni.

3. Ir-rifużjoni iffissata qabel tinżamm fejn id-differenza bejn ir-rifużjoni u dik ġdida ma taqbiżx ammont li jrid ikun stabbilit.

4. Fil-każ ta' bidla sinifikanti fil-prezz tas-suq rappreżentattiv għall-perjodu ta' validita tar-rifużjoni, trid tittieħed in-konsiderazzjoni wkoll, meta tkun iffissaa r-rifużjoni, d-differenza bejn il-prezz rappreżentattiv il-ġdid u dak validu qabel.

5. Intitolament għal rifużjoni ikun akkwistat fiż-żmien li jkun intużat iż-żejt fil-manifattura tal-priservi. L-Istati Membri jassiguraw, permezz ta'arranġamenti ta' sorveljanza, li r-rifużjoni tingħata biss għaż-żejt taż-żebbuġa użat fil-manifattura tal-priservi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1.

6. Ir-rifużjoni tal-produzzjoni tkun iffissata kull xahrejn mill-Kummissjoni.

7. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, u partikolarment dawk li jikkonċernaw l-arranġamenti ta' sorveljanza li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 5, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38."

6. L-Artikoli 20b u 28 jkunu imħassra.

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 142/67 tal-21 ta' Ġunju 1967 (GU Nru L 125, 26. 6, 1967 p. 2461), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2429/72 (GU Nru L 264, tat-23.11.1972, p. 1)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 143/67 tal-21 ta' Ġunju 1967 (GU Nru L 125, tas-26.6.1967, p. 2463), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2077/71 (GU Nru L 220, tat-30.9.1972, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 19/69 tal-20 ta' Diċembru 1968 (GU Nru L 3, 7 1. 1969, p. 2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2429/72 (GU Nru L 264, tat-23.11.1972, p. 1)

Regolament (KEE) Nru 2596/69 tal-18 ta' Diċembru 1968 (GU Nru L 324, 27 12. 1969, p. 12)

Regolament (KEE) Nru 1076/71 tal-25 ta' Mejjeu 1971 (GU Nru L 116, tat-28.5.1971, p. 2)

Regolament (KEE) Nru 443/72 tad-29 ta' Frar 1972 (GU Nru L 54, tat-3.3.1972, p. 3), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2560/77 (GU Nru L 303, tat-28.11.1977, p. 1)

Regolament (KEE) Nru 1569/72 ta20 ta' Lulju 1972 (GU Nru L 167, tal-25.7.1972, p. 9), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2206/90 (GU Nru L 201, tal-31.1.1990, p. 11)

Regolament (KEE) Nru 2751/78 tat-23 ta' Novembru 1978 (GU Nru L 331, tat-28.11.1978, p. 5)

Regolament (KEE) Nru 591/79 tas-26 ta' Marzu 1979 (GU Nru L 78, tat-30.3.1979, p. 2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2903/89 (GU Nru L 280, tad-29.9.1989, p. 3)

Regolament (KEE) Nru 1594/83 tal-14 ta' Ġunju 1983 (GU Nru L 163, tat-22.6.1983, p. 44), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1321/90 (GU Nru L 132, tat-23.5.1990, p. 15)

Regolament (KEE) Nru 1491/85 tat-23 ta' Mejju 1985 (GU Nru L 151, ta' l-10.6.1985, p. 15), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1724/91 (GU Nru L 162, tas-26.6.1991, p. 35)

Regolament (KEE) Nru 2194/85 tal-25 ta' Lulju 1985 (GU Nru L 204, tat-2.8.1985, p. 7), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1725/91 (GU Nru L 162, tas-26.6.1991, p. 37)

Regolament (KEE) Nru 1650/86 tas-26 ta' Mejju 1986 (GU Nru L 145, tat-30.5.1986, p. 8)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS VI

FLAX U HEMP

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1308/70 tad-29 ta' Ġunju 1970 (GU Nru L 146, ta' l-4.7.1970, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1557/93 (GU Nru L 154, tal-25.6.1993, p. 26)*

L-Artikoli 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 8

1. Dan l-Artikolu jkun japplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar restrittivi addottati mill-Istati Membri.

2. Hemp tassew mhux maħdum li jaqa' fil-kodiċi NK 5302 10 00 u ġej minn pajjiżi barra l-Komunità jista' jkun importat biss jekk il-prodott jilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(1) u jekk tkun prodotta evidenza li l-kontenut ta' *tetrahydrocannabinol* mhux ogħla minn dak li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 4(4).

3. Żerriegħa biss jew varjetajiet ta' hemp li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 1207 99 10 ġejjin minn pajjiżi barra l-Komunità li joffru l-garanziji provdut għalihom fl-Artikolu 4(1) u li huma nklużi fil-lista li għandha ssir jistgħu jkunu impurtati. Dik il-lista ssir skond il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu stabbiliti skond l-Artikolu 4(4).

4. L-importazzjonijiet tal-Komunità tal-prodotti speċifikati fil-paragrafi 2 u 3 ikunu suġġetti għal iċċekkjar biex ikun determinat jekk it-termini ta' dan l-Artikolu jkunux ġew obduti.

Fejn l-imsemmija termini jkunu ġew obduti, l-Istat Membru importatur joħroġ ċertifikat li juri tali obbidjenza.

5. Dawn li ġejjin biss ikunu awtorizzati li jimpurtaw żerriegħa tal-hemp li taqa' taħt il-kodiċi KN 1207 99 91:

— organizzazzjonijiet u istituti ta' riċerka,

— persuni naturali u legali li jistgħu jippruvaw li għandhom livell suffiċjenti ta'attivita fis-settur ikkonċernat.

6. L-importazzjonijiet kollha, minn persuni li hemm riferenza għalihom fit-tieni indent tal-paragrafu 5 taż-żrieragħ li hemm riferenza għalihom f'dak il-paragrafu jkunu suġġetti għal sistema ta' kontroll li tkun tapplika sakemm iż-żrieragħ jintużaw għal skop ieħor barra għaż-żriegħ.

7. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni id-dispożizzjonijiet addottati minnhom biex jiżguraw il-kontroll ipprovdut għalih fil-paragrafu 6 qabel ma japplikawhom. Fejn dawn id-dispożizzjonijiet ma jippermettux tali kontroll li jsir effettivament, l-emendi li l-Istat Membru konċernat irid jagħmel għalihom ikunu deċiżi skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 12.

8. Ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan il-paragrafu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 12.

Artikolu 8a

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb jkunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-implimentazzjoni tal-paragrafu u jiddefenixxi l-każijiet u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri prekawzjonali.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1430/82 tat-18 ta' Mejju 1982 (GU Nru L 162, 12 6. 1982, p. 27), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2058/84 (GU Nru L 191, tad-19.7.1984, p. 5)*

L-Artikolu 2 huwa mhassar.

III. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2059/84 tas-16 ta' Lulju 1984 (GU Nru L 191, 19 7. 1984, p. 6)*

L-Artikoli 2, 3 u 4 huma mħassra.

IV. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1054/72 tad-19 ta' Mejju 1972 (OJ Nru L 120, tal-25.5.1972, p. 1)*

Ir-Regolament ta'hawn fuq huwa mħassar.

ANNESS VII

PRODOTTI TAL-ĦALIB

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 (GU Nru L 148, tas-27.6.1968, p. 13), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2807/94 (GU Nru L 298, tad-19.11.1994, p. 1)*

1. L-Artikolu 4 huwa mħassar.

2. Titolu III jkun sostitwit b'dan li ġej:

"IT-TITOLU III

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 13

1. Importazzjonijiet fil-Komunità ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' importazzjoni. Esportazzjonijiet mill-Komunità ta' kwalunkwe tali prodotti jistgħu jkunu suġġetti għal preżentazzjoni ta' liċenza ta'esportazzjoni.

2. Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 16 u 17.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma mpurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

3. Dan li ġej ikun addottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30.

(a) il-lista ta' prodotti li għalihom hija meħtieġa l-liċenza ta'esportazzjoni;

(b) it-terminu tal-validita tal-liċenzi; u

(ċ) r-regoli dettaljati l-oħra għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 14

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1.

Artikolu 15

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew iktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-Round Urugwajan dwar in-negozjat fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost jkunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Mondjali tal-Kummerċ

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja in-kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* jkun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fuq is-suq mondjali jew fuq is-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 16

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali jkunu miftuħa u amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew'),

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu ta'l-'eżami simultanju'),

— il-metodu bażat fuq l-it-teħid in-konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat jagħti, fejn suppost, piż dovut għall-ħtiġijiet supplimentari tas-suq tal-Komunità u l-bżonn li jieħu ħsieb l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jipprovdu għall-kwoti annwali, mneħħija kif imiss matul is-sena; jiddeterminaw il-metodu ta' l-amministrazzjoni li għandu jkun applikat u, fejn suppost, ikun jinkludi d-dispożizzjonijiet rigward:

(a) garanziji li jkopru in-natura, il-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għafien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom.

Artikolu 17

1. Safejn meħtieġ biex jippermetti l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 biex ikunu esportati mingħajr aktar ipproċessar jew f'forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness jekk huma prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(a), (b), (ċ), (d), (e) u (g) a bażi tal-prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq mondjali u fil-limiti li jirriżultaw mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità tista' tkun koperta mir-rifużjoni ta'esportazzjoni.

Rifużjonijiet ta'esportazzjoni fuq il-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness ma jistgħux jkunu ogħla minn dawk applikabbli għal tali prodotti esportati mingħajr aktar ipproċessar.

2. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fuq is-suq konċernat, u dak li jippermetti l-iktar użu possibbli effiċjenti tar-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont ta'l-effiċjenza u struttura ta'l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-inqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont li jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha.

Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fuq is-suq mondjali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jirrikjedu.

Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 30. Ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu fissati:

(a) f'intervalli regolari;

(b) bi stedina għal *tenders* għal prodotti li għalihom dik il-proċedura kienet ipprovduta fl-imgħoddi.

Għajr fejn iffissat b'*tender*, il-lista ta' prodotti li fuqha jingħata rifużjoni ta'esportazzjoni u l-ammont ta' tali rifużjoni tkun iffissata ta' linqas darba kull erba' ġimgħat. L-ammont tar-rifużjoni jista', pero', jibqa' fl-istess livell għal aktar minn erba' ġimgħat u jista, fejn ikun hemm bżonn, ikun aġġustat fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess. Madankollu, għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 u esportati fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness, ir-rifużjoni tista' tkun iffissata fi programm ieħor stabbilit skond il-proċedura li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

4. Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta rifużjonijiet ta'esportazzjoni jkunu qegħdin jiġu fissati għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 u esportati mingħajr aktar ipproċessar:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita għal ħalib u prodotti tal-ħalib fis-suq tal-Komunita;

— prezzijiet ta' ħalib u prodotti tal-ħalib fis-suq mondjali;

(b) l-aktar prezzijiet tas-suq favorevoli u prezzijiet tat-trasport mis-swieq tal-Komunità għal portijiet tal-Komunità jew postijiet oħra flimkien mal-prezzijiet biex jintbagħtu fil-pajjiżi tad-destinazzjoni; it-talba fis-suq tal-Komunita;

(ċ) l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib, li jridu jiżguraw sitwazzjoni ekwilibrata u żvilupp naturali rigward il-prezzijiet u l-kummerċ f'dawn is-swieq;

(d) limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat;

(e) il-importanza li jkunu evitati disturbi fis-suq tal-Komunita;

(f) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

Tittieħed ukoll konsiderazzjoni partikolarment tal-bżonn li jkun stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi agrikoli tal-Komunità għall-esportazzjoni bħala prodotti proċessati lejn pajjiżi barra l-Komunita, u l-użu ta' prodotti minn dawk il-pajjiżi ammessi għal ipproċessar intern.

5. Għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1 u esportati bħala tali:

(a) il-prezzijiet fil-Komunità li hemm riferenza għalihom fil-paragarafu 1 ikunu determinati billi jittieħdu in-konsiderazzjoni l-prezzijiet fis-seħħ li jidhru li jkunu l-aktar favorevoli rigward esportazzjoni;

(b) il-prezzijiet fis-suq mondjali li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jkunu determinati billi tittieħed konsiderazzjoni partikolari ta:

(a) il-prezzijiet fis-swieq tal-pajjiżi barra l-Komunita;

(b) l-aktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità tad-destinazzjoni għal-importazzjonijiet ta' pajjiżi barra l-Komunita;

(ċ) prezzijiet ta' produtturi rekordjati f'pajjiżi barra l-Komunità esportaturi, billi tittieħed konsiderazzjoni, fejn suppost, ta' sussidji mogħtija f'dawk il-pajjiżi;

(d) prezzijiet ta'offerta ħielsa fuq-il-fruntiera.

6. Ir-rifużjonijiet jingħataw għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 fuq talba biss u fuq il-preżentazzjoni tal-liċenza ta'importazzjoni rilevanti.

7. Ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjoni ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 u esportati bħala tali jkun dak applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjat, dak applikabbli fl-istess jum għal:

(a) id-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew fejn xieraq

(b) id-destinazzjoni attwali, kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli jew id-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jsiru japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 u esportati fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

9. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30.

10. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti huma ta'oriġni tal-Komunita, għajr fejn japplika l-paragrafu 11,

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjat, li l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissata rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 (b). Eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

11. Ebda rifużjoni ta'esportazzjoni ma tingħata fuq prodotti li jkunu impurtati minn pajjiżi barra l-Komunità u li jerġgħu jiġu esportati lejn pajjiżi barra l-Komunita, sakemm l-esportatur ma jippruvax li:

— li l-prodott li għandu jiġi esportat u l-prodott importat qabel huma l-istess, u

— kull dazju ta'importazzjoni kien miġbur ma' l-importazzjoni.

F'tali każi r-rifużjoni fuq kull prodott tkun ugwali għal-*levy* miġbura ma' l-importazzjoni fejn dik il-*levy* hija ugwali jew anqas mir-rifużjoni applikabbli; r-rifużjoni tkun ugwali għar-rifużjoni applikabbli fejn il-*levy* miġbura ma' l-importazzjoni hija ogħla minn dan ir-rifużjoni.

12. Rigward il-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1 u esportati fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness, il-paragrafi 10 u 11 jkunu japplikaw biss għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi KN segwenti:

— 1806 90 60 sa 1806 90 90 (ċerti prodotti li jkun fihom il-kakao),

— 1901 (ċerti preparazzjonijiet ta' l-ikel tad-dqiq, eċċ.).

— 2106 90 99 (ċerti preparazzjonijiet ta' l-ikel mhux speċifikati band'oħra),

li jkollhom kontenut għoli ta' prodott tal-ħalib.

13. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat jkun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, it-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

14. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti rigward ir-redistribuzzjoni ta' kwantitajiet esportabbli m'humiex allokati jew m'humiex użati, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30. Madankollu, regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafi 8, 10, 11 u 12 għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1 u esportati fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness jiġu addottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

Artikolu 18

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, il-Kunsill, b'aġir fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każi speċjali jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta'ipproċessar intern jew estern fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li huma ntiżi għall-manifattura tal-prodotti mniżżla f'dak l-Artikolu jew ta' prodotti mniżżla fl-Anness.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità ikun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta'ipproċessar intern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; il-Kunsill u l-Istati Membri jkun mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux iktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 19

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 20

1. Fejn hemm wieħed jew aktar prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, il-prezz-ħieles-fuq-il-fruntiera jeċċedi sinifikament il-livell tal-prezzijiet tal-Komunità u fejn dik is-sitwazzjoni tidher li tista' tkompli, u allura tiddisturba jew thedded li tiddisturba is-suq tal-Komunita, l-miżuri li hemm ipprovdut għalihom fil-paragrafu 5 jistgħu jittieħdu.

2. Eċċess sinifikanti fit-tifsira tal-paragrafu 1 jista' jeżisti meta l-prezz-ħieles-fuq-il-fruntiera jeċċedi l-prezz ta'intervent iffissat għall-prodott in-kwistjoni, miżjud bi 15 %, jew, rigward prodotti għal liema m'hemm ebda prezz ta'intervent, prezz derivat mill-prezz ta'intervent, li jkun determinat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30, li jieħu in-konsiderazzjoni n-natura u l-kompożizzjoni tal-prodott in-kwistjoni.

3. Is-sitwazzjoni li fiha l-prezz-ħieles-fuq-il-fruntiera sinifikament teċċedi l-livell ta' prezzijiet tidher li se tkompli meta jeżisti żbilanċ bejn il-provediment u d-domanda u dak l-iżbilanċ jidher li se jkompli, minkejja tendenzi prevedibbli fil-produzzjoni u fil-prezzijiet tas-suq.

4. Is-suq tal-Komunità jkun disturbat jew mhedded b'disturb mis-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza f'dan l-Artikolu meta l-livell għoli ta' prezzijiet fil-kummerċ internazzjonali:

— jimpedixxu l-importazzjoni tal-prodotti tal-ħalib fil-Komunita, jew

— jikkawżaw li l-prodotti tal-ħalib iħallu l-Komunita.

biex b'hekk is-sigurtà tal-provediment ma tkunx iktar żgurata jew tkun mhedda li ma tkunx iktar żgurata fil-Komunita.

5. Fejn il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu preċedenti jitwettqu, sospensjoni totali jew parzjali tal-*levies* u/jew ġbir ta' spejjeż ta'esportazzjoni jistgħu jkunu deċiżi bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond l-istess proċedura.

Artikolu 21

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta'l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb jkunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefenixxi l-każijiet li fihom u l-limiti f'liema l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 876/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 (GU Nru L 155, tat-3.7.1968, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1344/86 (GU Nru L 119, tat-8.5.1986, p. 36)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2115/71 tat-28 ta' Settembru 1971 (GU Nru L 222, tat-2.10.1971, p. 5)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2180/71 tat-12 ta'Ottubru 1971 (GU Nru L 231, ta' l-14.10.1971, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1603/74 tal-25 ta' Ġunju 1974 (GU Nru L 172, tas-27.6.1974, p. 9)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2915/79 tat-18 ta' Diċembru 1979 (GU Nru L 329, ta' l-24.12.1979, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3798/91 (GU Nru L 357, tat-28.12.1991, p. 3)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS VIII

CANGA U VITELLA

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 (GU Nru L 148, tat-28.6.1968, p. 24), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1884/94 (GU Nru L 197, tat-30.7.1994, p. 27)*

1. L-Artikolu 3 huwa mhassar.

2. Titolu II jkun sostitwit b'dan li ġej:

"IT-TITOLU II

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 9

1. Importazzjonijiet fil-Komunità ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni.

Importazzjonijiet fil-Komunita, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(b) u esportazzjonijiet mill-Komunità ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni jew esportazzjoni.

Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 12 u 13.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma mpurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każi ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-terminu tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27.

Artikolu 10

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1.

Artikolu 11

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew iktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost jkunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja in-kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq mondjali jew fis-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 12

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali jkunu miftuħa u amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27.

Rigward il-kwota ta'importazzjoni ta' 50 000 tunnellati ta' laħam iffriżat li jaqa taħt il-Kodiċi KN 0202 20 30, 0202 30 u 0206 29 91 u intenzjonati għall-ipproċessar, il-Kummissjoni tissottometti rapport dwar il-bilanċ qabel Diċembru kull sena. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni b'maġġoranza kwalifikata, jista' tistabbilixxi li l-kwota kollha jew parti minnha tkun tkopri kwantitajiet ekwivalenti ta' kwalita ta' laħam, waqt li tapplika rata ta' konversjoni ta' 4,375.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew'),

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu tal-'eżamij simultanju'),

— il-metodu bażat fuq l-it-teħid in-konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat jagħti, fejn suppost, piż dovut għall-ħtiġijiet supplimentari tas-suq tal-Komunità u l-bżonn li jieħu ħsieb l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jipprovdu għall-kwoti annwali, mnaqqsa b'mod tajjeb matul is-sena, waqt li jiddeterminaw il-metodu ta' l-amministrazzjoni li għandu jkun applikat u, fejn suppost, ikun jinkludi:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott, u fejn suppost, il-manteniment ta' mudelli tal-kummerċ tradizzjonali;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) l-kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom.

Artikolu 13

1. Sal-punt meħtieġ li jippermetti li l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 ikunu esportati a bażi tal-prezzijiet jew dawk il-prodotti fis-suq mondjali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjonii ta'esportazzjoni.

2. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fuq is-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu possibbli effiċjenti tar-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont ta'l-effiċjenza u struttura ta'l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-inqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont li jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha. Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fuq is-suq mondjali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jirrikjedu. Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27. Ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu fissati:

(a) f'intervalli regolari;

(b) bi żjieda u għal kwantitajiet limitati, bi stedina għal *tenders* għal prodotti li għalihom dik il-proċedura tidher li hi addattata.

Għajr fejn iffissat b'*tender*, il-lista ta' prodotti li fuqha tingħata rifużjoni ta'esportazzjoni u l-ammont ta' tali rifużjoni ikun iffissat ta' linqas darba kull tliet xhur. L-ammont tar-rifużjoni jista', pero', jibqa' fl-istess livell għal iktar minn tliet xhur u jista, fejn ikun hemm bżonn, ikun aġġustat fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

4. Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita għas-settur taċ-ċanga u tal-vitella fis-suq tal-Komunita;

— prezzijiet għal prodotti fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella' fis-suq mondjali;

(b) l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella, li jridu jiżguraw ekwilibriju u żvilupp naturali fil-prezzijiet u l-kummerċ f'dan is-suq;

(ċ) il-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat;

(d) il-bżonn li jkunu evitati disturbi fis-suq tal-Komunita;

(e) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

Tittieħed ukoll konsiderazzjoni partikolari tal-bżonn li jkun stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi tal-Komunità fil-manifatturi ta' prodotti proċessati esportati lejn pajjiżi barra l-Komunita, u l-użu ta' prodotti minn dawk il-pajjiżi ammessi għal arranġamenti ta'ipproċessar intern.

Flimkien ma dan, fil-kalkolu ta' l-ammont tar-rifużjoni għal prodotti mniżżla fis-sezzjonijiet (a), (ċ) u (d) ta' l-Anness, u fis-sezzjoni (d) taħt is-sotto-titoli 0202 20 30, 0202 20 50, 0202 20 90, 0202 30 u 0206 29 91, il-koeffiċjenti tar-rata assoluta għal kull wieħed mill-prodotti konċernati tista' tittieħed in-konsiderazzjoni.

5. Meta l-prezzijiet fil-Komunità mniżżla fil-paragrafu 1 jkunu qegħdin jiġu stabbiliti jittieħed in-konsiderazzjoni dan li ġej:

— ir-regolazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunita,

— ir-regolazzjoni tal-prezzijiet fl-esportazzjoni.

Meta l-prezzijiet fil-kummerċ internazzjonali mniżżla fil-paragrafu 1 jkunu qegħdin ikunu determinati tittieħed konsiderazzjoni ta:

— ir-regolazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq ta' pajjiżi barra l-Komunita,

— (b) l-aktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità tad-destinazzjoni għall-importazzjonijiet;

— (ċ) prezzijiet ta' produtturi irrekordjati f'esportazzjoni lejn pajjiżi barra l-Komunita, b'konsiderazzjoni meħuda, fejn suppost, ta' sussidji mogħtija minn dawk il-pajjiżi;

— (d) prezzijiet ta'offerta ħielsa-fuq-il-fruntiera.

6. Ir-rifużjonijiet jingħataw biss fuq talba u fuq il-preżentazzjoni tal-liċenza ta'esportazzjoni rilevanti.

7. Ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 6 3 u 47 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 27.

9. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti huma ta'oriġni tal-Komunita, għajr fejn japplika l-paragrafu 10,

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, li l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissata r-rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 (b). Eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

10. Fl-assenza ta' deroga mogħtija skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27, ebda rifużjoni ta'esportazzjoni ma tingħata fuq prodotti li huma impurtati minn pajjiżi barra l-Komunità u ri-esportati lil pajjiżi barra l-Komunita.

11. L-osservanza tal-limiti tal-volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat tkun żgurata a bażi tal-liċenzi ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obligazzjonijiet li joħorġu mill-ambitu tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali tar-*Round* Urugwajan, it-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

12. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi d-dispożizzjonijiet rigward ir-ridistribuzzjoni ta' kwantitajiet esportabbli li ma kinux allokati jew utilizzati, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27.

Artikolu 14

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella, il-Kunsill, b'aġir fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każijiet speċjali jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta' l-ipproċessar intern jew estern fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1.

2. Madankollu, permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta'ipproċessar intern jew estern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; l-Kunsill u l-Istati Membri jkunu mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux aktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 15

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 16

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43 tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddetermina ċ-ċirkostanzi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ptrotettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa: L-Istat Membru jkun mgħarraf b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

3. L-Artikolu 22a (2) jkun sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 tat-Trattat, jaddotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu".

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 98/69 tas-16 ta' Jannar 1969 (GU Nru L 14, tal-21.1.1969, p. 2), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 429/77 (GU Nru L 61, tal-5.3.1977, p. 18)*

L-Artikolu 1(2) jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. Disponiment tal-prodotti miżmuma minn aġenziji ta'intervent jistgħu jkunu garantiti biss:

(a) fejn il-prodotti huma intenzjonati għal ċertu użu; jew

(b) fejn il-prodotti huma intenzjonati għall-esportazzjoni; jew

(ċ) fil-każ ta' disponiment mingħajr destinazzjoni speċifika, jekk ma jirriżulta ebda riskju ta' disturb tas-suq, waqt li tingħata attenzjoni lil-livell tal-prezzijiet tas-suq medji għal annimali bovini adulti fil-Komunità u fl-Istati Membri, kif irrekordjat skond ir-Regolament (KEE) Nru 189/87; jew

(d) fejn it-tneħħija mill-ħażna hija meħtieġa għal raġunijiet tekniċi.

2. Fil-każi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 (a) u (b), kondizzjonijiet speċjali jistgħu jkunu stabbiliti biex jiżguraw li l-prodotti ma jkunux użati għal skop ieħor għajr dak li għalih kienu intenzjonati u biex jieħdu in-konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet partikolari ta' tali bejgħ.

Biex jiżguraw li l-obligazzjonijiet li daħlu fihom jitwettqu, tali kondizzjonijiet jistgħu jinkludu d-dispożizzjoni ta' sigurtà li titneħħa kollha jew f'parti jekk l-imsemmija obbligazzjonijiet ma jkunux jew ikunu biss parzjalment imwettqa."

III. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 885/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 (GU Nru L 156, ta' l-4.7.1968, p. 2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 427/77 (GU Nru L 61, tal-5.3.1977, p. 16)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1157/92 tat-28 ta'April 1992 (GU Nru L 122, tas-7.5.1992, p. 4)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS IX

LAĦAM TAN-NAGĦAĠ U LAĦAM TAL-MOGĦOŻ

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal-25 ta' Settembru 1989 (GU Nru L 289, tas-7.10.1989, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1886/94 (GU Nru L 197, tat-30.7.1994, p. 30)*

It-Titolu II ikun sostitwit b'dan li ġej:

"IT-TITOLU II

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 9

1. Importazzjonijiet fil-Komunita, jew esportazzjonijiet menn hemm, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni.

Liċenzi jinħarġu minghand l-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' Artikoli 12.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Il-ħruġ ta' tali liċenzi jista jkun suġġett għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma impurtati jew esportati matul it-terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każi ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. Il-lista ta' prodotti li għalihom hemm bżonn liċenzi ta'esportazzjoni, it-terminu tal-validita tal-liċenzi u r-regoli dettaljati ghall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 30.

Artikolu 10

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1.

Artikolu 11

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew iktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost jkunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Mondjali tal-Kummerċ

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni cif tal-konsinja in-kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fuq is-suq mondjali jew fuq is-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 30. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 12

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla f'Artikolu 1 li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali jkunu miftuħa u amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 30.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew'),

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu tal-'eżamij simultanju'),

— il-metodu bażat fuq l-it-teħid in-konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat jagħti, fejn suppost, piż dovut għall-ħtiġijiet supplimentari tas-suq tal-Komunità u l-bżonn li jieħu ħsieb l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 li jipprovdu għall-kwoti annwali, mnaqqsa kif imiss matul is-sena, jiddeterminaw il-metodu ta' l-amministrazzjoni li għandu jkun applikat u, fejn suppost, ikun jinkludi:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott, u fejn suppost, il-manteniment ta' mudelli tal-kummerċ tradizzjonali;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom.

Artikolu 13

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajba ta'l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib, il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' f'każi speċjali jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta' proċessar intern fejn jidħlu l-prodotti mniżżla f'Artikolu 1.

2. Madankollu, permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta' proċessar intern jew estern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; il-Kunsill u l-Istati Membri jkun mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux aktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minghand kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 14

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej ikun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 15

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 huma effettwati minn, jew mhedda b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta'l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi ċ-ċirkustanzi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; bl-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2641/80 tal-14 ta'Ottubru 1980 (GU Nru L 275, tat-18.10.1980, p. 2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3890/92 (GU Nru L 391, tal-31.12.1992, p. 51)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2642/80 tal-14 ta' Ottubru 1980 (GU Nru L 275, tat-18.10.1980, p. 4), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3939/87 (GU Nru L 373, tal-31.12.1987, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3643/85 tad-19 ta' Diċembru 1985 (GU Nru L 348, ta' l-24.12.1985, p. 2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3890/92 (GU Nru L 391, tal-31.12.1992, p. 51)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS X

LAĦAM TAL-MAJJAL

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1249/89 (GU Nru L 129, tal-11.5.1989, p. 12)*

1. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) ikun sostitwit b'dan li ġej:

"Il-prezz bażiku jkun iffissat billi tittieħed konsiderazzjoni, partikolarment, tal-bżonn li jkun iffissat dan il-prezz f'livell li jikkontribwixxi għal istabbilizzar tal-prezzijiet tas-suq mingħajr, iżda, ma jwassal għall-formazzjoni ta' *surplus* strutturali fil-Komunita."

2. L-Artikolu 5(2) jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Għal prodotti ta' kwalita *standard* barra l-karkassi tal-qżieqeż, il-prezzijiet tax-xiri jkunu derivati mill-prezzijiet tax-xiri għal karkassi tal-qżieqeż a bażi ta' proporzjon li jeżisti bejn il-valur kummerċjali ta' dawn il-prodotti u l-valur kummerċjali tal-karkassi tal-qżieqeż."

3. Il-punt li ġej ikun miżjud ma' l-Artikolu 5(4):

"(d) iffissar tal-koefiċjent li jesprimi l-proporzjon li għalih hemm riferenza fil-paragrafu 2."

4. Titolu II ikun sostitwit b'dan li ġej:

"IT-TITOLU II

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 8

1. Importazzjonijiet fil-Komunita, jew esportazzjonijiet menn hemm, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni.

Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 11 u 13.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma mpurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-terminu tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 24.

Artikolu 9

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 10

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew iktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Mondjali tal-Kummerċ

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

Il-prezzijiet ta'importazzjoni *cif* ikunu ċekkjati għal dan l-iskop, kontra l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott fuq is-suq mondjali jew fuq is-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għal dak il-prodott.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni cif tal-konsinja in-kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 ta' dak il-Ftehim.

Artikolu 11

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali, jinfetħu u jkunu amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 24.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew').

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu ta' l-'eżami simultanju'),

— il-metodu bażat fuq l-it-teħid in-konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat jagħti, fejn suppost, piż dovut għall-ħtiġijiet supplimentari tas-suq tal-Komunità u l-bżonn li jieħu ħsieb l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jipprovdu għall-kwoti annwali, mnaqqsa kif imiss matul is-sena, jekk ikun hemm bżonn u fejn suppost għal:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom.

Artikolu 12

1. Fejn il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità jogħlew sinifikattivament u fejn dik is-sitwazzjoni hemm ċans li tkompli, u hekk tiddisturba jew thedded li tiddisturba dak is-suq, il-miżuri li hemm ipprovdut għalihom fil-paragrafu 4 jistgħu jittieħdu.

2. Żieda konsiderevoli fil-prezzijiet fit-tifsira tal-paragrafu 1 teżisti meta, wara żieda fil-prezz ġenerali fir-reġjunijiet kollha tal-Komunita, l-prezz medju tal-karkassi tal-qżieqeż fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità mogħtija fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 huwa f'livell ogħla mill-medja ta' dawk il-prezzijiet stabbiliti għall-perjodu preċedenti ta' tliet snin tas-suq, mill-1 ta' Lulju sat-3 ta' Ġunju, aġġustati jekk meħtieġ a bażi ta' tendenzi ċikliċi fil-prezzijiet in-kwistjoni, b'żieda tad-differenza bejn dik il-medja u l-medja tal-prezzijiet bażiċi fis-seħħ matul il-perjodu taħt konsiderazzjoni, waqt li tittieħed in-konsiderazzjoni kwalunkwe emenda tal-prezz bażiku imqabbel mal-prezz emerġenti mill-medja għall-imsemmi perjodu.

3. Iż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet tista' tkompli fit-tifsira tal-paragrafu 1 meta jeżisti u hemm ċans li jkompli, żbilanċ bejn il-provediment u t-talba tal-laħam tal-majjal, partikolarment minħabba:

(a) tendenzi ċikliċi fin-numru kopert ta' qżieqeż nisa u fil-prezzijiet tal-friegħ tal-qżieqeż;

(b) stharrig u estimi mwettqa in segwitu għad-Direttiva 93/23/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar l-istharrig statistikali li għandu jsir dwar il-produzzjoni tal-qżieqeż;

(ċ) tendenzi prevedibbli fil-prezzijiet tas-suq għal karakassi tal-qżieqeż.

4. Fejn il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu preċedenti jitwettqu, sospensjoni totali jew parzjali tad-dazji ta'importazzjoni tista' tkun deċiża bil-proċedura stabbilita f'Artikolu 24. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom, jekk ikun hemm bżonn, jiġu adottati skond l-istess proċedura.

Artikolu 13

1. Sal-punt meħtieġ li jippermetti li l-prodotti mniżżla f'Artikolu 1 ikunu esportati a bażi tal-kwoti jew prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq mondjali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-kwoti jew prezzijiet u prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjonijiet ta'esportazzjoni.

2. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fis-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu possibbli u effiċjenti tar-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont ta' l-effiċjenza u struttura ta'l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-anqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha. Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fis-suq mondjali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jirrikjedu.

Ir-rifużjonii jkunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 24. Rifużjonijiet ikunu fissati f'intervalli regolari, mingħajr rikors, iżda, għall-proċedura tat-*tendering*.

Il-lista ta' prodotti li fuqha tingħata rifużjoni ta'esportazzjoni u l-ammont ta' tali rifużjoni ikun iffissat ta' linqas darba kull tliet xhur. L-ammont tar-rifużjoni jista', pero', jibqa' fl-istess livell għal aktar minn tliet xhur u jista, fejn ikun hemm bżonn, ikun aġġustat fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

4. Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita ta' prodotti ta' laħam tal-majjal fis-suq tal-Komunita;

— prezzijiet ta' prodotti ta' laħam tal-majjal fis-suq mondjali.

(b) il-bżonn li jkunu evitati disturbi li jistgħu jikkawżaw żbilanċ prolungat bejn il-provediment u t-talba fis-suq tal-Komunita;

(ċ) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

(d) limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond Artikolu 228 tat-Trattat;

Meta r-rifużjoni tkun qed tigi fissata, tittieħed konsiderazzjoni partikolari wkoll tal-bżonn li jkun stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi tal-Komunità fil-manifatturi ta' prodotti proċessati għall-esportazzjoni lejn pajjiżi barra l-Komunita, u l-użu ta' prodotti minn dawk il-pajjiżi ammessi għal arranġamenti ta'proċessar intern.

Meta r-rifużjoni fuq il-prodotti mniżżla f'Artikolu 1 tkun qed tigi kalkulata, tittieħed konsiderazzjoni tad-differenza bejn il-prezzijiet fil-Komunità u l-prezzijiet fis-suq dinji għall-kwantità ta' qamħ ta' l-ikel meħtieġ għall-produzzjoni fil-Komunità ta' kilogramm ta' laħam tal-majjal, bil-koeffiċjenti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 5(2) jittieħdu wkoll in- konsiderazzjoni fil-każ ta' prodotti barra karkassi tal-qżieqeż.

5. Il-prezz tal-Komunità li hemm riferenza għalih fil-paragrafu 1 ikun stabbillit fuq il-bażijiet li ġejjin:

(a) prezzijiet ta' kisba fl-istadi varji tas-suq fil-Komunita;

(b) prezzijiet ta' kisba għall-esportazzjoni.

Il-prezzijiet tas-suq mondjali li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 ikunu stabbilliti fuq kriterji li ġejjin:

(a) il-prezzijiet ta' kisba f'pajjiżi barra l-Komunita;

(b) l-aktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità u tad-destinazzjoni għall-importazzjonijiet ta' pajjiżi barra l-Komunita;

(ċ) prezzijiet ta' produtturi registrati f'pajjiżi barra l-Komunità esportaturi, billi tittieħed konsiderazzjoni, fejn suppost, ta' sussidji mogħtija f'dawk il-pajjiżi;

(d) prezzijiet ta'offerta ħielsa-fuq-il-fruntiera.

6. Ir-rifużjonijiet jingħataw biss fuq applikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-liċenza ta'esportazzjoni rilevanti.

7. Ir-fifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti mniżżla f'Artikolu 1 tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew, fejn addattat;

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 24.

9. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita.

— li l-prodotti huma ta'oriġnii tal-Komunita, għajr fejn japplika l-paragrafu 10, u

— li fil-każ ta' rifużjoni differenzjata l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissata r-rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 (b). Eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

10. Ebda rifużjoni ta'esportazzjoni ma tingħata fuq prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li jkunu impurtati minn pajjiżi barra l-Komunità u li jerġgħu jiġu esportati lejn pajjiżi barra l-Komunita, sakemm l-esportatur ma jipprovax:

— li l-prodotti li għandhom jiġu esportati u l-prodott importat qabel huma l-istess, u

— li kull dazju ta'importazzjoni kien miġbur ma' l-importazzjoni.

F'tali każi r-rifużjoni fuq kull prodott tkun ugwali għad-dazju miġbur ma' l-importazzjoni fejn dak id-dazju huwa ugwali jew inqas mir-rifużjoni applikabbli; ir-rifużjoni tkun ugwali għar-rifużjoni applikabbli fejn id-dazju miġbur ma' l-importazzjoni huwa ogħla minn din ir-rifużjoni.

11. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat jkun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

12. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti rigward ir-redistribuzzjoni ta' kwantitajiet esportabbli m'humiex allokati jew m'humiex użati, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 24.

Artikolu 14

1. Safejn meħtieġ għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal, il-Kunsill, b'aġir fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każi speċjali, jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta' proċessar intern u fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li huma intiżi għall-manifattura tal-prodotti mniżżla f'dak l-Artikolu.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta'proċessar intern jew estern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; il-Kunsill u l-Istati Membri jkun mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux iktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 15

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew in segwitu għad-dispożizzjoni li toħroġ minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 16

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 ikun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefenixxi l-każijiet u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2764/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 21), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 4160/87 (GU Nru L 392, tal-31.12.1987, p. 46)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2765/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 23)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2766/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 25), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3906/87 (GU Nru L 370, tat-30.12.1987, p. 11)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2768/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 39)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2769/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 43)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS XI

LAĦAM TAT-TJUR

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1574/93 (GU Nru L 52, ta' l-24.6.1993, p. 1)*

1. L-Artikoli 3 sa 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. Importazzjonijiet fil-Komunita, jew esportazzjonijiet minn hemm, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'esportazzjoni.

Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 6 u 8.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma mpurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-terminu tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17.

Artikolu 4

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 5

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew iktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti speċifikament a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja in- kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fuq is-suq mondjali jew fuq is-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 17. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 ta' dak il-Ftehim.

Artikolu 6

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali jkunu miftuħa u amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul ta'l-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew'),

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu ta' l-'eżami simultanju'),

— il-metodu bażat fuq it-teħid in-konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta' amministrazzjoni addottat jagħti, fejn suppost, piż dovut għall-ħtiġijiet supplimentari tas-suq tal-Komunità u l-bżonn li jieħu ħsieb l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jipprovdu għall-kwoti annwali, mnaqqsa kif imiss matul is-sena, jekk ikun hemm bżonn u fejn suppost għal:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-termini tal-validita tagħhom.

Artikolu 7

Fejn il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità jogħlew sinifikament u fejn dik is-sitwazzjoni hemm ċans li tkompli, u b'hekk tiddisturba jew thedded li tiddisturba dak is-suq, miżuri xierqa jistgħu jittieħdu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jaddotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

1. Sa fejn hemm bżonn biex jippermetti li l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) ikunu esportati a bażi tal-prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq mondjali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjonijiet ta'esportazzjoni.

2. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fis-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu possibbli effiċjenti tar-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont ta' l-effiċjenza u struttura ta' l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-inqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont li jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha.

Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fis-suq dinji jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jirrikjedu.

Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17. Rifużjonijiet ikunu fissati f'intervalli regolari, mingħajr rikors, iżda, għall-proċedura tat-*tendering*.

Il-lista ta' prodotti li fuqha tingħata rifużjoni ta'esportazzjoni u l-ammont ta' tali rifużjoni ikun iffissat ta' lanqas darba kull tliet xhur. L-ammont tar-rifużjoni jista', pero', jibqa' fl-istess livell għal aktar minn tliet xhur u jista, fejn ikun hemm bżonn, ikun aġġustat fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

4. Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita ta' prodotti ta' laħam tat-tjur fis-suq tal-Komunita;

— prezzijiet ta' prodotti ta' laħam tat-tjur fis-suq mondjali;

(b) il-bżonn li jkunu evitati disturbi li jistgħu jikkawżaw żbilanċ prolungat bejn il-provediment u t-talba fis-suq tal-Komunita;

(ċ) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

(d) limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat;

Meta l-ammont ta' rifużjonijiet ikun issettjat, tittieħed konsiderazzjoni partikolari tal-bżonn li jkun stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi agrikoli tal-Komunità għall-esportazzjoni bħala prodotti proċessati lejn pajjiżi barra l-Komunita, u l-użu ta' prodotti minn dawk il-pajjiżi ammessi għal ipproċessar intern.

Barra minn dan, għall-iskop ta' kalkolu tar-rifużjoni għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(1), tittieħed konsiderazzjoni tad-differenza bejn il-prezzijiet tal-Komunità u tas-suq mondjali għall-ammont ta' ġwież meħtieġ biex ikun prodott kilogramm ta' tjur maqtula fil-Komunita, waqt li tippermetti, fil-każ ta' prodotti oħra barra tjur maqtula, għad-differenzi fil-piż tal-prodotti differenti u/jew il-medja tal-valuri tagħhom kummerċjali.

5. Il-prezz tal-Komunità li hemm riferenza għalih fil-paragrafu 1 ikun stabbillit fuq il-bażijiet li ġejjin:

(a) prezzijiet ta' kisba fl-istadi varji tas-suq fil-Komunita;

(b) prezzijiet ta' kisba għall-esportazzjoni.

Il-prezzijiet tas-suq dinji li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 ikunu stabbiliti fuq il-bażijiet li ġejjin:

(a) il-prezzijiet fis-swieq tal-pajjiżi barra l-Komunita;

(b) l-aktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità tad-destinazzjoni għall-importazzjonijiet ta' pajjiżi barra l-Komunita;

(ċ) prezzijiet ta' produtturi rekordjati f'pajjiżi barra l-Komunità esportaturi, billi tittieħed konsiderazzjoni, fejn suppost, ta' sussidji mogħtija f'dawk il-pajjiżi;

(d) prezzijiet ta'offerta ħielsa-fuq-il-fruntiera.

6. Rifużjonijiet jingħataw biss fuq applikazzjoni u fuq preżentazzjoni tal-liċenza ta'esportazzjoni rilevanti, għajr f'dan il-każ ta' flieles ta' jum li għalihom liċenza tista' tingħata 'ex-post'.

7. Ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew, fejn addattat;

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibbilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 17.

9. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita.

— li l-prodotti huma ta'oriġini tal-Komunita, għajr fejn japplika l-paragrafu 10, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissata rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 (b). Eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

10. Ebda rifużjoni ta'esportazzjoni ma tingħata fuq prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li jkunu impurtati minn pajjiżi barra l-Komunità u li jerġgħu jiġu esportati lejn pajjiżi barra l-Komunita, sakemm l-esportatur ma jippruvax:

— li l-prodotti li għandhom jiġu esportati u l-prodott importat qabel huma l-istess, u

— li kull dazju ta'importazzjoni kien miġbur ma' l-importazzjoni.

F'tali każi r-rifużjoni fuq kull prodott tkun ugwali għad-dazju miġbur ma' l-importazzjoni fejn dak id-dazju huwa ugwali jew anqas mir-rifużjoni applikabbli; ir-rifużjoni tkun ugwali għar-rifużjoni applikabbli fejn id-dazju miġbur ma' l-importazzjoni huwa ogħla minn din ir-rifużjoni.

11. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat jkun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, it-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

12. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti rigward ir-redistribuzzjoni ta' kwantitajiet m'humiex allokati jew m'humiex użati, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17.

Artikolu 9

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur, il-Kunsill, b'aġir fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każi speċjali jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta' proċessar intern u estern fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li huma intiżi għall-manifattura tal-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1).

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta' proċessar intern jew estern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; il-Kunsill u l-Istati Membri jkun mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux iktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 10

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew in segwitu għad-dispożizzjoni li toħroġ minnu, dan li ġej ikun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 11

1. Jekk, minħabba importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew iktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jipperikola l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb jkunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefenixxi l-każi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

2. L-Artikolu 12 huwa mhassar.

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2778/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 84), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3714/92 (GU Nru L 378, tat-23.12.1992, p. 23)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2779/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 90)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2780/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 94)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS XII

BAJD, OVALBUMIN U LAKTALBUMIN

A. BAJD

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1574/93 (GU Nru L 152, ta' l-24.6.1993, p. 1)*

1. L-Artikoli 3 sa 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. Importazzjonijiet fil-Komunita, jew esportazzjonijiet minn hemm, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni jew esportazzjoni.

Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 6 u 8.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma mpurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-terminu tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17.

Artikolu 4

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 5

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk notifikati li huma konformi mal-prezzijiet notifikati mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti speċifikament a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja in-kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fuq is-suq mondjali jew fuq is-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 17. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jassiguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 ta' l imsemmi Ftehim.

Artikolu 6

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali jkunu miftuħa u amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul ta'l-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew').

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu ta' l-'eżami simultanju'),

— il-metodu bażat fuq it-teħid in-konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat jagħti, fejn suppost, piż dovut għall-ħtiġijiet supplimentari tas-suq tal-Komunità u l-bżonn li jieħu ħsieb l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jipprovdu għall-kwoti annwali, imnaqqsa kif imiss matul is-sena, jekk ikun hemm bżonn u fejn suppost għal:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom.

Artikolu 7

Fejn il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità jogħlew sinifikament u fejn dik is-sitwazzjoni hemm ċans li tkompli, u b'hekk tiddisturba jew thedded li tiddisturba dak is-suq, miżuri xierqa jistgħu jittieħdu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jaddotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

1. Safejn hemm bżonn biex jippermetti li l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) ikunu esportati a bażi tal-prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq mondjali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjonijiet ta'esportazzjoni.

2. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fuq is-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu possibbli effiċjenti tar-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont ta' l-effiċjenza u struttura ta' l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-anqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont li jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha.

Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fuq is-suq mondjali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jirrikjedu.

Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17. Rifużjonijiet ikunu fissati f'intervalli regolari, mingħajr rikors, iżda, għall-proċedura tat-*tendering*.

Il-lista ta' prodotti li fuqha tingħata rifużjoni ta'esportazzjoni u l-ammont ta' tali rifużjoni ikunu fissati ta' linqas darba kull tliet xhur. L-ammont tar-rifużjoni jista', pero', jibqa' fl-istess livell għal aktar minn tliet xhur u jista', fejn ikun hemm bżonn, ikun aġġustat fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

4. Dan li ġej jittieħed in konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita ta' prodotti tas-settur tal-bajd fis-suq tal-Komunita;

— prezzijiet ta' prodotti tas-settur tal-bajd fis-suq dinji;

(b) il-bżonn li jkunu evitati disturbi li jistgħu jikkawżaw żbilanċ prolungat bejn il-provediment u t-talba fis-suq tal-Komunita;

(ċ) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

(d) limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat;

Meta l-ammont ta' rifużjonijiet ikun issettjat, tittieħed konsiderazzjoni partikolari tal-bżonn li jkun stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi agrikoli tal-Komunità għall-esportazzjoni bħala prodotti proċessati lejn pajjiżi barra l-Komunita, u l-użu ta' prodotti minn dawk il-pajjiżi ammessi għal ipproċessar intern.

Barra minn dan meta l-ammont ta' rifużjoni ikun ikkalkulat, tittieħed konsiderazzjoni, fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1), tad-differenzi bejn il-prezzijiet fil-Komunità fuq naħa u s-suq mondjali fuq in-naħa l-oħra tal-kwantità ta' ġwież meħtieġ fil-Komunità biex ikun prodott kilogramm ta' bajd bil-qoxra u tingħata attenzjoni, fil-każ ta' prodotti oħra barra l-bajd bil-qoxra, għall-kwantità ta' bajd bil-qoxra użata fil-manifattura ta' tali prodotti u/jew tal-proporzjon medju bejn il-valuri kummerċjali tal-kostitwenti tal-bajd.

5. Meta l-prezzijiet fil-Komunità li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jkunu qegħdin ikunu determinati tittieħed konsiderazzjoni ta:

(a) prezzijiet ta' kisba fl-istadi varji tas-suq fil-Komunita;

(b) prezzijiet ta' kisba għall-esportazzjoni.

Meta l-prezzijiet fis-suq mondjali li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jkunu qegħdin ikunu determinati tittieħed konsiderazzjoni ta:

(a) il-prezzijiet ta' kisba f'pajjiżi barra l-Komunita;

(b) l-aktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità tad-destinazzjoni għal-importazzjonijiet ta' pajjiżi barra l-Komunita;

(ċ) prezzijiet ta' produtturi rekordjati f'pajjiżi barra l-Komunità esportaturi, billi tittieħed konsiderazzjoni, fejn suppost, ta' sussidji mogħtija f'dawk il-pajjiżi;

(d) prezzijiet ta'offerta ħielsa-fuq-il-fruntiera.

6. Ir-rifużjonijiet fuq prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) u esportati mingħajr aktar ipproċessar jingħataw biss fuq applikazzjoni u fuq preżentazzjoni ta' liċenza ta'esportazzjoni rilevanti għajr fil-każ ta' bajd għat-tifqis fejn liċenza tista tingħata 'ex-post'.

7. Ir-Rifużjoni applikabbli għal esportazzjoni ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) esportati mingħajr aktar ipproċessar tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew fejn xieraq

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jsiru japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) u esportati fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness I skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

9. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 17.

10. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita.

— li l-prodotti huma ta'oriġni tal-Komunita, għajr fejn japplika l-paragrafu 11, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjata,li l-prodotti waslu fid-destinazzjoni li għaliha kienet iffissata rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 (b). Eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

11. Ebda rifużjoni ta' esportazzjoni ma tingħata fuq prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li jkunu impurtati minn pajjiżi barra l-Komunità u li jerġgħu jiġu esportati lejn pajjiżi barra l-Komunita, sakemm l-esportatur ma jippruvax:

— li l-prodott li għandu jiġi esportat u l-prodott importat qabel huma l-istess, u

— li l-*levy* inġabret ma' l-importazzjoni.

F'tali każi r-rifużjoni fuq kull prodott tkun ugwali għal-*levy* miġbura ma' l-importazzjoni fejn din il-*levy* hija ugwali jew anqas mir-rifużjoni applikabbli; ir-rifużjoni tkun ugwali għar-rifużjoni applikabbli fejn il-*levy* miġbura ma' l-importazzjoni hija ogħla minn din ir-rifużjoni.

12. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat ikun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jaffettwax il-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

13. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti rigward ir-redistribuzzjoni ta' kwantitajiet m'humiex allokati jew m'humiex użati, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17. L-Anness I ikun emendat skond l-istess proċedura. Madankollu, regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 8 għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(1) u esportati fil-forma ta' prodotti mniżżla fl-Anness I jiġu addottati skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93.

Artikolu 9

1. Safejn meħtieġ għall-ħidma tajba ta'l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd, il-Kunsill, b'aġir fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura ta'votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każi speċjali jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta traffikar ta' proċessar intern fejn jidħlu:

— prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li huma intiżi għall-manifattura ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(b), u

— f'każijiet speċjali, fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li huma intiżi għall-manifatturi tal-prodotti mniżżla fl-Anness I.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta' proċessar intern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; l-Kunsill u l-Istati Membri jkunu mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux aktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 10

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew in segwitu għad-dispożizzjoni li toħroġ minnu, dan li ġej ikun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 11

1. Jekk, minħabba importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew iktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jipperikola l-akkwist tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb jkunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi f'liema każi u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

2. L-Artikolu 12 huwa mħassar.

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2773/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 64), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 4155/87 (GU Nru L 392, tal-31.12.1987, p. 29)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2774/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 68)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2775/75 ta' l-1 ta' Ottubru 1975 (GU Nru L282, ta' l-1.11.1975, p. 72)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

B. OVALBUMIN U LAKTALBUMIN

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 (GU Nru L 282, ta' l-1.11.1975, p. 104), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 4001/87 (GU Nru L 377, tal-31.12.1987, p. 44)

1. Is-sentenza introduttiva ta' Artikolu 1 hija mibdula b'dan li ġej:

"Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti li ġejjin:"

2. L-Artikolu 2(2) jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

1. Importazzjonijiet fil-Komunità ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni.

Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' Artikoli 4.

Liċenzi ta'importazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma impurtati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure*, is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-terminu tal-validita tal-liċenzi u regoli dettaljati oħra għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75."

3. L-Artikolu 3(2) jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla f'Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulata fl-Artikolu 10 ikunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw is-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja in-kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq mondjali jew fis-suq ta 'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura."

4. L-Artikolu 4 ikun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li jirriżultaw minn ftehim konkluż fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali jkunu miftuħa u amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew').

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu tal-'eżami simultanju'),

— il-metodu bażat fuq it-teħid in konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat ikun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, it-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jipprovdu għall-kwoti annwali, mnaqqsa kif imiss matul is-sena, jekk ikun hemm bżonn u fejn suppost għal:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni jinħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom."

5. L-Artikolu 5 jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Fejn il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità jogħlew sinifikattivament u fejn dik is-sitwazzjoni hemm ċans li tkompli, u b'hekk tiddisturba jew thedded li tiddisturba dak is-suq, miżuri xierqa jistgħu jittieħdu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 tat-Trattat, jaddotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu".

6. L-Artikolu 7 jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd u dan ir-Regolament, il-Kunsill, b'aġir fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każi speċjali jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta'proċessar intern u fejn jidħlu l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li huma ntiżi għall-manifattura tal-prodotti mniżżla f'dak l-Artikolu.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta' proċessar intern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; l-Kunsill u l-Istati Membri jkun mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux aktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba."

7. L-Artikolu 8 ikun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej ikun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett."

ANNESS XIII

FROTT U ĦXEJJEX

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 (GU Nru L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3669/93 (GU Nru L 338, tal-31.12.1993, p. 26)*

It-Titolu IV jkun sostitwit b'dan li ġej:

"TITOLU IV

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 22

1. Importazzjonijiet fil-Komunita, jew esportazzjonijiet minn hemm, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 2(1) jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni jew esportazzjoni.

Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 25 u 26.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha; tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma impurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure*, is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-term tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33.

Artikolu 23

1. Għajr jekk ma jkunx provdut mod ieħor f'dan ir-Regolament, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2).

2. Kemm-il darba l-applikazzjoni tar-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jiddependu fuq il-prezz tad-dħul tal-kunsinna impurtata, l-veraċita ta' dan il-prezz tkun iċċekkjata bl-użu ta' valur ta' rata l-istess ta'importazzjoni kalkulata mill-Kummissjoni li tiddependi fuq l-oriġini u l-prodott a bażi tal-prezzijiet medji influwenti għall-prodotti in-kwistjoni fis-swieq ta'importazzjoni rappreżentattivi ta' l-Istati Membri jew fejn applikabbli fuq swieq oħra.

3. Fejn il-prezz tad-dħul iddikjarat għall-konsinja in-kwistjoni huwa ogħla mill-valur ta'importazzjoni bl-istess rata, miżjud b'marġni issettjata skond il-paragrafu 5 li ma tistax teċċedi l-valur bl-istess rata b'aktar minn 10 %, it-tfigħ ta' assigurazzjoni ugwali għad-dazji ta' importazzjoni a bażi tal-valur ts'importazzjoni bl-istess rata jkun meħtieġ.

4. Jekk il-prezz tad-dħul tal-konsinja in-kwistjoni ma jkunx iddikjarat fiż-żmien tal-ħruġ mid-dwana, l-applikazzjoni tar-rati ta' dazju fit-Tariffa Doganali Komuni tiddependi fuq il-valur ta'importazzjoni bl-istess rata jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni doganali taħt kondizzjonijiet li jkunu stabbiliti skond il-paragrafu 5.

5. Ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 33.

Artikolu 24

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 ikunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw is-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja in-kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun iċċekkjat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq mondjali jew fis-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 33. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali in segwitu għal Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 25

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali, jinfetħu u jkunu amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 33.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq l-ordni li fiha l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew').

— il-metodu ta'l-allokazzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu tal-'eżamij simultanju').

— il-metodu bażat fuq iċ-ċirkulazzjoni tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu tal-'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta' maneġġjar jieħu in-konsiderazzjoni, fejn xieraq, tal-bżonnijiet ta' provediment fis-suq tal-Komunità u l-bżonn li jissalvagwardja l-bilanċ f'dak is-suq, u jista' jdur fuq metodi applikati fl-imgħoddi għall-kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe *levies* li joħorġu minn ftehim konklużi waqt in-negozjati kummerċjali tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jipprovdu għall-kwoti annwali, mnaqqsa kif imiss matul is-sena, fejn jiddeterminaw il-metodu ta' l-amministrazzjoni li għandu jkun applikat u, fejn suppost, ikun jinkludi:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni inħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom.

Artikolu 26

1. Safejn hemm bżonn biex jippermetti kwantitajiet ta' sinifikat ekonomiku tal-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) biex ikunu esportati a bażi tal-prezzijiet ta' dawn il-prodotti fil-kummerċ internazzjonali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjonijiet ta'esportazzjoni.

2. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-iktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fis-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu effiċjenti possibbli tar-riżorsi ottenibbli u waqt li jittieħed rendikont ta' l-effiċjenza u struttura ta' l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-inqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont li jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha.

Fejn is-sitwazzjoni kummerċjali internazzjonali jew ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq jirrendu dan neċessarju, r-rifużjoni għal prodott mogħti tista' tvarja skond id-destinazzjoni tal-prodott.

Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 33. Ir-rifużjonijiet ikunu fissati f'intervalli regolari.

Ir-rifużjonijiet fissati f'intervalli regolari, fejn hemm bżonn, jistgħu jkunu aġġustati fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

4. Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita ta' ħxejjex u frott fis-suq tal-Komunita,

— prezzijiet għal frott u ħxejjex fil-kummerċ internazzjonali.

(b) spejjeż ta' *marketing* u spejjeż ta' trasport minimi mis-swieq tal-Komunità għal portijiet jew punti ta'esportazzjoni fil-Komunita, kif ukoll spejjeż magħmula fir-rimpjazzar ta' prodotti fis-suq tal-pajjiż tad-destinazzjoni.

(ċ) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

(d) limiti li jirriżultaw minn ftehim konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat.

5. Meta prezzijiet fis-suq tal-Komunità li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 ikunu qed jiġu stabbiliti l-prezzijiet li huma l-aiktar favorevoli mill-punt di vista ta'esportazzjoni jittieħdu in-konsiderazzjoni.

Meta l-prezzijiet tas-suq mondjali li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 ikunu qegħdin jigu determinati tittieħed konsiderazzjoni partikolari:

(a) tal-prezzijiet rekordjati f'pajjiżi barra l-Komunita;

(b) ta' l-iktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità tad-destinazzjoni għall-importazzjonijiet ta' pajjiżi barra l-Komunita;

(ċ) tal-prezzijiet tal-produtturi rekordjati fil-pajjiżi barra l-Komunità esportaturi;

(d) prezzijiet ta'offerta ħielsa-fuq-il-fruntiera.

6. Ir-rifużjonijiet jingħataw biss fuq applikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-liċenza ta'esportazzjoni rilevanti.

7. Ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 2(1) tkun dik applikabbli fil-jum ta'l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 6 u 7 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 2(1) li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 33.

9. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita.

— li l-prodotti huma ta' oriġini tal-Komunita, u

— li fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kien iffissat rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 (b). Eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 33, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

10. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat ikun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

11. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi d-dispożizzjonijiet rigward ir-redistribuzzjoni ta' kwantitajiet esportabbli jew mhux użati, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 24.

Artikolu 27

1. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew in segwitu għad-dispożizzjoni li toħroġ minnu, dan li ġej ikun ipprojbit meta jiġu impurtati l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) minn pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

2. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

Artikolu 28

1. Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu meta jkun qed isir kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità kemm-il darba, minħabba importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew iktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jipperikola l-akkwist ta'l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat.

Tali miżuri jistgħu jkunu applikati biss sakemm, jiddependi mill-każ, id-disturb jew it-theddida ta' disturb tispiċċa jew il-kwantitajiet imwarrba jew mixtrija jkunu naqsu konsiderevolment.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi f'liema każi u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2518/69 tad-9 ta' Diċembru 1969 (GU Nru L 318, tat-18.12.1969, p. 17), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2455/72 (GU Nru L 266, ta' l-14.11.1972, p. 7)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2707/72 tad-19 ta' Diċembru 1972 (GU Nru L 291, tat-28.12.1972, p. 3)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1200/88 tat-28 ta'April 1988 (GU Nru L 115, tat-3.5.1988, p. 7), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3821/90 (GU Nru L 366, tad-29.12.1990, p. 45)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq jiġu mħassra.

ANNESS XIV

FROTT U ĦXEJJEX IPPROCESSATI

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 tal-24 ta' Frar 1986 (GU Nru L 49, tas-27.2.1986, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1490/94 (GU Nru L 161, tad-29.6.1994, p. 13)*

1. Titolu II ikun sostitwit b'dan li ġej:

"TITOLU II

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 9

1. Importazzjonijiet fil-Komunita, jew esportazzjonijiet minn hemm, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'esportazzjoni.

Liċenzi jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 12, 13, 14 u 14a.

Liċenzi ta'importazzjoni u esportazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Il-ħruġ ta' tali liċenzi jista jkun suġġett għat-tfiġħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma impurtati jew esportati matul it-terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-terminu tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22.

Artikolu 10

1. Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1).

2. Ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 22.

Artikolu 10a

1. Prezz minimu ta'importazzjoni għas-snin tas-suq 1995, 1996, 1997, 1998 u 1999 ikun iffissat għall-prodotti mniżżla fil-Parti B ta' l-Anness I. Il-prezz minimu ta'importazzjoni jkun stabbilit waqt li jieħu in-konsiderazzjoni partikolarment:

— tal-prezzijiet ħielsa-fuq-il-fruntiera fuq importazzjoni fil-Komunita,

— il-prezzijiet ta' kisba fis-swieq mondjali,

— is-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità intern,

— it-tendenza tal-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita.

Fejn il-prezz minimu ta'importazzjoni mhux osservat, tkun imposta spiża effettiva b'żieda mad-dazju doganali, bażata fuq il-prezzijiet tal-pajjiżi forniturи prinċipali barra l-Komunità.

2. Il-prezz minimu ta'importazzjoni għall-għeneb imqadded ikun iffissat qabel il-bidu tas-sena tas-suq.

Prezz minimu ta'importazzjoni ikun iffissat għaż-żbieb u għal għeneb imqadded ieħor. Għal kull wieħed miż-żewġ gruppi ta' prodotti, l-prezz minimu ta' importazzjoni jista' jkun iffissat għall-prodotti f'ippakkjar immedjat ta' wżin nett li jrid ikun stabbilit u għal prodotti f'ippakkjar immedjat ta' wżin nett li jaqbeż dak il-piż.

3. Il-prezz minimu ta'importazzjoni għall-għeneb imqadded ikun iffissat qabel il-bidu tas-sena tas-suq. Il-prezz jista' jkun iffissat għal prodotti f'ippakkjar immedjat ta' piż nett stabbilit.

4. Il-prezz minimu ta'importazzjoni li għandu jkun osservat għall-għeneb imqadded ikun dak applikabbli fil-jum ta'importazzjoni. L-ispiża effettiva li trid tingħabar, jekk din teżisti, tkun dik li hija applikabbli fl-istess jum.

5. Il-prezz minimu li għandu jkun osservat għal importazzjoni taċ-ċirasa qarsa u għaċ-ċirasa proċessata jkun dak applikabbli fil-jum ta'aċċettazzjoni ta' l-entratura għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa.

6. Spejjeż effettivi għall-għeneb imqadded ikunu fissati b'riferenza għall-iskala tal-prezzijiet ta'importazzjoni. Id-differenza bejn il-prezz minimu ta'importazzjoni u kull pass ta' l-iskala tkun:

— 1 % tal-prezz minimu għall-ewwel pass,

— 3, 6 u 9 % rispettivament, tal-prezz minimu għat-tieni, t-tielet u r-raba' pass.

Il-ħames pass ta' l-iskala jkopri l-każi kollha fejn il-prezz ta'importazzjoni jkun anqas minn dak applikat għar-raba' pass.

L-ispiża effettiva massima li għandha tkun iffissata għall-għeneb imqadded ma tkunx teċċedi d-differenza bejn il-prezz minimu u l-ammont stabbilit a bażi tal-prezzijiet l-aktar favorevoli applikati fis-suq mondjali għal kwantitajiet sinifikanti mill-iktar pajjiżi rappreżentattivi li m'humiex membri.

7. Fejn il-prezz ta' importazzjoni għaċ-ċirasa qarsa u għaċ-ċirasa proċessata huwa anqas mill-prezz minimu għal dawk il-prodotti, spiża effettiva ugwali għad-differenza bejn dawk il-prezzijiet tkun miġbura.

8. Il-prezz minimu ta' importazzjoni, l-ammont ta' l-ispiża effettiva u regoli oħra għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22.

Artikolu 11ċ

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 ikunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw lis-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ skond l-offerta tagħha mqiegħda fuq il-mejda matul in-negozjati multilaterali tar-*Round* Urugwajan.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja in- kwestjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq mondjali jew fis-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 22. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali taħt it-termini ta' Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 12

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) li jirriżultaw minn ftehim konklużi fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali, jinfetħu u jkunu amministrati skond ir-regoli dettaljati addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22.

2. Il-kwoti jkunu amministrati bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi li ġejjin jew b'għaqda tagħhom:

— il-metodu bażat fuq ordni kronoloġika tad-dħul ta'l-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' 'l-ewwel li jidħlu l-ewwel li jinqdew').

— il-metodu tad-distribuzzjoni fi proporzjon mal-kwantitajiet mitluba meta kienu sottomessi l-applikazzjonijiet (bl-użu tal-metodu tal-'eżami simultanju').

— il-metodu bażat fuq it-teħid in-konsiderazzjoni tal-mudelli tal-kummerċ tradizzjonali (bl-użu tal-metodu 'wasliet tradizzjonali/ġodda').

Metodi adegwati oħra jistgħu jintużaw.

Dawn iridu jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Il-metodu ta'amministrazzjoni addottat jagħti, fejn suppost, piż dovut għall-ħtiġijiet supplimentari tas-suq tal-Komunità u l-bżonn li jieħu ħsieb l-ekwilibriju ta' dak is-suq, waqt li fl-istess ħin possibbilment jiġbed fuq metodi li setgħu kienu applikati fl-imgħoddi għal kwoti korrispondenti għal dawk li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tar-*Round* Urugwajan.

4. Ir-regoli dettaljati li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 u li jipprovdu għall-kwoti annwali, mnaqqsa kif imiss matul is-sena, jiddeterminaw il-metodu ta' l-amministrazzjoni li għandu jkun applikat u, fejn suppost, ikun jinkludi:

(a) garanziji li jkopru n-natura, l-provenjenza u l-oriġini tal-prodott;

(b) għarfien tad-dokumenti wżati għall-verifika tal-garanziji li hemm riferenza għalihom f'(a); u

(ċ) kondizzjonijiet taħt liema l-liċenzi ta'importazzjoni jinħarġu u t-terminu tal-validita tagħhom.

Artikolu 13

1. Safejn hu meħtieġ biex jippermetti l-esportazzjoni ta':

(a) kwantitajiet ta' sinifikat ekonomiku tal-prodotti mingħajr zokkor miżjud li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(1);

(b) zokkor abjad u mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi KN 1701,

— glukozju u xiropp tal-glukozju li jaqgħu taħt il-Kodiċi KN 1702 30 51, 1702 30 59, 1702 30 91, 1702 30 99 u 1702 40 90.

— *isoglucose* li taqa' taħt il-Kodiċi KN 1702 30 10, 1702 40 10, 1702 60 10, 1702 90 30, u

— kannamieli u xiropp tal-kannamieli li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 1702 90 90,

użati fil-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(b),

a bażi tal-prezzijiet għal dawk il-prodotti fil-kummerċ internazzjonali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti mir-rifużjonijiet ta'esportazzjoni.

2. Il-metodu li għandu jkun addottat għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjoni għandu jkun il-metodu li:

(a) huwa l-iktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fis-suq konċernat, u dak li jippermetti l-aktar użu possibbli effiċjenti tar-riżorsi ottenibbli u waqt li jittieħed rendikont ta'l-effettivita u l-istruttura ta' l-esportazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-inqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, b'rendikont li jittieħed tan-neċessitajiet amministrattivi;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha.

Fejn is-sitwazzjoni kummerċjali internazzjonali jew ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq jirrendu dan neċessarju, r-rifużjoni għal prodott mogħti tista' tvarja skond id-destinazzjoni.

Ir-rifużjonijiet ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22. Ir-rifużjonijiet ikunu fissati f'intervalli regolari.

Ir-rifużjonijiet fissati f'intervalli regolari, fejn hemm bżonn, jistgħu jkunu emendati fl-intervall mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

4. Ir-rifużjonijiet jingħataw biss fuq applikazzjoni u fuq preżentazzjoni tal-liċenza ta'esportazzjoni rilevanti.

5. Ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet tkun dik applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

6. Il-paragrafi 4 u 5 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 22.

7. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat ikun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

8. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi d-dispożizzjonijiet rigward ir-redistribuzzjoni ta' kwantitajiet għal esportazzjoni li m'humiex allokati jew m'humiex użati , jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22.

Artikolu 14

1. Dan l-Artikolu jkun japplika għar-rifużjonijiet li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 13(1)(a).

2. Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita fis-suq tal-Komunità ta' prodotti proċessati minn frott u ħxejjex,

— prezzijiet li jirrenjaw fil-kummerċ internazzjonali

(b) spejjeż ta' *marketing* u spejjeż ta' trasport minimi mis-swieq tal-Komunità għal portijiet jew punti a'esportazzjoni fil-Komunita, kif ukoll spejjeż magħmula fl-imbarkar għall-pajjiżi tad-destinazzjoni.

(ċ) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

(d) limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu 228 tat-Trattat;

3. Meta l-prezzijiet fis-suq tal-Komunità jkunu qed jiġu stabbiliti għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 13(1)(a), tittieħed konsiderazzjoni tal-prezzijiet renjanti li huma l-aktar favorevoli mill-punt di vista ta' esportazzjoni.

Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-prezzijiet fil-kummerċ internazzjonali:

(a) il-prezzijiet ta' kisba f'pajjiżi barra l-Komunita;

(b) l-aktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità tad-destinazzjoni għall-importazzjonijiet minn pajjiżi barra l-Komunita;

(ċ) il-prezzijiet tal-produtturi rekordjati fil-pajjiżi esportaturi barra l-Komunità;

(d) prezzijiet ta'offerta ħielsa-fuq-il-fruntiera tal-Komunita.

4. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova:

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita.

— li l-prodotti huma ta' oriġini tal-Komunita, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, li l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissata r-rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(5)(b). Madankollu, eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

5. Ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 22.

Artikolu 14a

1. Dan l-Artikolu jkun japplika għar-rifużjonijiet li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 13(1)(b).

2. L-ammont tar-rifużjoni ikun ugwali:

— għal zokkor mhux maħdum, zokkor abjad u kannamieli u xiropp tal-kannamieli, l-ammont ta' rifużjoni ta'esportazzjoni għal tali prodotti fi stat mhux ipproċessat, iffissat skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 tat-30 ta' Ġunju 1981 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor u fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu,

— għal *isoglucose*, l-ammont tar-rifużjoni ta'esportazzjoni għal dak il-prodott fl-istat mhux ipproċessat tiegħu, iffissat skond Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 u fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu,

— għal glukozju u xiropp tal-glukozju, l-ammont ta' rifużjoni ta'esportazzjoni għal tali prodotti fi stat mhux ipproċessat, iffissat għal kull wieħed minn dawk il-prodotti skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq taċ-ċereali u fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu.

3. Biex wieħed jibbenefika mir-rifużjoni, l-prodotti proċessati jridu jkunu akkumpanjati, ma' l-esportazzjoni, b'dikjarazzjoni mingħand l-applikant li turi l-kwantitajiet ta' zokkor mhux maħdum u abjad u kannamieli u xiropp tal-kannamieli, isoglucose, il-glukozju u x-xiropp tal-glukozju uzati fil-manifattura.

L-eżattezza tad-dikjarazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tkun suġġetta għal iċċekkjar mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati.

4. Jekk ir-rifużjoni ma tkunx biżżejjed biex tippermetti l-esportazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(b), id-dispożizzjonijiet stabbiliti għar-rifużjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 13(1)(a) jkunu japplikaw għal dawk il-prodotti minflok għal dawk fl-Artikolu 13(1)(b).

5. Ir-rifużjoni tingħata ma' l-esportazzjoni tal-prodotti:

(a) li huma ta'oriġini tal-Komunita;

(b) li kienu impurtati minn pajjiżi barra l-Komunità u li fuqhom tħallsu d-dazji ta'importazzjoni li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 10, basta l-esportatur jipprova:

— li l-prodotti li għandhom jiġu esportati u l-prodott importat qabel huma l-istess, u

— li d-dazji ta'importazzjoni kienu miġbura ma' l-importazzjoni.

Fil-każ kopert mis-subparagrafu (b), ir-rifużjoni fuq kull prodott ikun ugwali għad-dazji miġbura ma' l-importazzjoni fejn ta' l-aħħar huma aktar baxxi mir-rifużjoni applikabbli; fejn id-dazji miġbura ma' l-importazzjoni huma ogħla minn dak ir-rifużjoni, japplika dan ta' l-aħħar.

6. Ir-rifużjoni titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova li:

— l-prodotti jwettqu waħda miż-żewġ kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu preċedenti,

— li l-prodotti ġew esportati mill-Komunita, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, li l-prodotti waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjoni oħra li għaliha kienet iffissat r-rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(5)(b). Madankollu, eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

7. Ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 22.

Artikolu 15

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajjeb ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fiċ-ċereali, iz-zokkor u l-frott u l-ħxejjex, il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat fuq proposta tal-Kummissjoni, jista', f'każijiet speċjali, jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta' proċessar intern fejn jidħlu:

— Il-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 13(1)(b), u

— frott u ħxejjex intenzjonati għall-manifattura tal-prodotti li hemm mniżżla fl-Artikolu 1(1).

2. Madankollu, permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 tinqala' b'urġenza eċċezzjonali u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta' proċessar intern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; l-Kunsill u l-Istati Membri jkunu mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux aktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tkun irriferuta lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih huwa kien notifikat. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 16

1. Fejn in segwitu għall-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 *levy* li taqbeż il-5 EKU kull mitt kilogramma trid titħallas fuq esportazzjonijiet ta' zokkor abjad, l-impożizzjoni ta' ħlas fuq esportazzjonijiet ta' prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1) li jkun fihom minimu ta' 35 % zokkor miżjud jistgħu jkunu deċiżi skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 22.

2. L-ammont ta' ħlas ta'esportazzjoni jkun iffissat b'teħid in-konsiderazzjoni ta':

— n-natura tal-prodott ipproċessat mill-frott tal-ħxejjex li jkun fihom zokkor miżjud,

— il-kontenut ta' zokkor mizjud tal-prodott in-kwistjoni,

— il-prezzijiet taz-zokkor abjad fil-Komunità u fis-suq dinji,

— il-*levy* ta 'esportazzjoni applikabbli għal zokkor abjad,

— l-implikazzjonijiet ekonomiċi ta' l-applikazzjoni ta' l-imsemmi ħlas.

3. Il-kontenut ta' zokkor miżjud ikun ikkonsidrat mogħti bil-figura murija kontra l-prodott in- kwistjoni fil-kolonna 1 ta' l-Anness III ta dan ir-Regolament.

Madankollu, t-talba ta' l-esportatur, kemm-il darba l-kontenut taz-zokkor miżjud għal kull 100 kilogramm użin nett tal-prodott, stabbilit skond il-paragrafu 4, huwa żewġ kilogrammi jew aktar taħt il-kontenut espress bil-figura għall-prodott in-kwistjoni li tidher fil-kolonna 1 tal-Anness III, il-kontenut stabbilit skond il-paragrafu 4 ikun użat.

4. Il-kontenut ta' zokkor miżjud tal-prodotti mniżżla fl-Anness III ikun ikkonsidrat li jfisser il-qari ottenut bl-użu ta' rifrattometru, immultiplikat b'0,93 fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 2008, eskluži l-kodiċi KN 2008 11 10, 2008 91 00, 2008 99 85 u 2008 99 91, u b'0,95 fil-każ tal-prodotti l-oħra mniżżla fl-Anness III u ridotti bil-figura għall-prodott in-kwistjoni li jidher fil-kolonna 2 ta' l-Anness III.

5. Ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 22.

Artikolu 17

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej ikun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 18

1. Jekk, minħabba importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1) ikun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jipperikola l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddetermina l-każi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

2. L-Annessi II u IV huma mħassra.

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 518/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 (GU Nru L 73, tal-21.3.1977, p. 22)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 519/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 (GU Nru L 73, tal-21.3.1977, p. 24)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 520/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 (GU Nru L 73, tal-21.3.1977, p. 26)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 521/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 (GU Nru L 73, tal-21.3.1977, p. 28)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1796/81 tat-30 ta' Ġunju 1981 (GU Nru L 183, ta' l-4.7.1981), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1122/92 (GU Nru L 117, ta' l-1.5.1992, p. 98)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2089/85 tat-23 ta' Lulju 1985 (GU Nru L 197, tas-27.7.1985, p. 10)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3225/88 tas-17 ta' Ottubru 1988 (GU Nru L 288, tal-21.10.1988, p. 11)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1201/88 tat-28 ta'April 1988 (GU Nru L 115, tat-3.5.1988, p. 9), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2781/90 (GU Nru L 265, tat-28.9.1990, p. 3)

Ir-Regolamenti t'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS XV

BANANA

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 (GU Nru L 47, tal-25.2.1993, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3518/93 (GU Nru L 320, tat-22.12.1993, p. 15)

1. L-Artikolu 15 jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 15

1. Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2).

2. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar prodotti bir-rata ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 jkunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond l-Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

3. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 2 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

4. Il-prezzijiet ta' importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja mbarkata in -kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq dinji jew fis-suq ta' importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

5. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 27. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 ta' l imsemmi Ftehim."

2. L-Artikolu segwenti jkun infilsat:

"Artikolu 15a

L-Artikoli 15a sa 20 inklussivi ta' dan it-Titolu japplikaw biss għal prodotti friski li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 0803, eskluži l-'*plantains*'.

Għall-iskopijiet ta' dan it-Titolu:

(a) 'importazzjonijiet tradizzjonali mill-istati tal-ACP' tfisser il-kwantitajiet ta' banana stipulati fl-Anness esportati minn kull stat ta'l-ACP li tradizzjonalment esporta banana lejn il-Komunita; tali banana tkun irriferuta bħala 'banana ACP tradizzjonali';

(a) 'importazzjonijiet mhux tradizzjonali mill-istati tal-ACP' tfisser il-kwantitajiet ta' banana esportati minn kull stat ta' l-ACP li jaqbżu l-kwantità definita f'1; tali banana tkun irriferuta bħala 'banana ACP mhix tradizzjonali';

(ċ) 'importazzjonijiet minn pajjiżi barra l-Komunità li m'humiex fl-ACP' tfisser kwantitajiet esportati minn pajjiżi barra l-Komunita; tali banana tkun irriferuta bħala 'banana ta' pajjiżi barra l-Komunita';

(d) *'banana tal-Komunita'* tfisser banana prodotta fil-Komunita

(e) *'to market'* u *'marketing'* ifissru li tpoġġiha fis-suq, mhux inkluż li tagħmel il-prodott ottenibbli għall-konsumatur finali."

3. F'Artikolu 17 it-tieni paragrafu huwa rimpjazzat b'dan li ġej:

"Liċenzi ta'importazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Għajr fejn derogi huma addottati taħt il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27, tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma impurtati bi qbil ma' dan ir-Regolament, matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure*, is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu."

4. L-Artikolu 18 ikun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 18

1. Kwota ta' Tariffa ta' 2,2 miljun tunnellata (piż nett) jinfetħu kull sena għall-importazzjoni ta' banana minn pajjiżi m'humiex fil-Komunità u banana ta'l-ACP mhix tradizzjonali.

Fl-ambitu tal-kwota tat-tariffa, importazzjonijiet ta' banana tal-pajjiżi m'humiex fil-Komunita, jkunu suġġetti għal-*levy* ta' 75 EKU kull tunnellata u importazzjonijiet ta' banana ACP m'humiex tradizzjonali tkun suġġetta għal dazju żero.

Għall-1994, il-kwota tat-tariffa tkun 2,1 miljun tunnellata (Piż nett).

Fejn it-talba tal-Komunità stabbilita a bażi tal-bilanċ ta' provediment li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 16 tiżdied, il-volum tal-kwota jiżdied b'konsegwenza, skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 27. Kwalunkwe tali aġġustament isir qabel it-30 ta' Novembru qabel is-sena tas-suq konċernata.

2. B'deroga mill-Artikolu 15(1), banana ACP mhix tradizzjonali impurtata barra l-kwota tat-tariffa li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tkun suġġetta għal dazju doganali għal kull tunnellata ugwali għad-dazju li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 15(1), imnaqqas b'100 EKU.

3. Il-kwantitajiet ta' banana minn pajjiżi barra l-Komunità u banana ACP mhix tradizzjonali ri-esportata mill-Komunità ma tkunx iċċarġjata għall-kwota li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1.

4. L-ammonti li hemm riferenza għalihom f'dan l-Artikolu jkunu konvertiti f'munita nazzjonali bir-rata applikabbli għall-prodotti konċernati b'konnessjoni mat-Tariffa Doganali Komuni."

5. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu ma' Artikolu 20:

"— miżuri li jiggarantixxu l-provenjenza u l-oriġini tal-banana impurtata fil-kwota tat-tariffa provdut għaliha fl-Artikolu 18(1).

— miżuri neċessarji biex iwettqu l-obligazzjonijiet li joħorġu minn ftehim konklużi mill-Komunità skond l-Artikolu 288 tat-Trattat."

6. L-Artikolu 22 jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 22

Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni."

7. L-Artikolu 23 ikun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 23

1. Jekk, minħabba l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew iktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 ikun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddetermina l-każi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi temporanji.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Ir-regoli dettaljati ghall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 27.

5. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

ANNESS XVI

INBID

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 (GU Nru L 84, tas-27.3.1987, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1891/94 (GU Nru L 197, tat-30.7.1994, p. 42)*

1. Titolu IV jkun sostitwit b'dan li ġej:

"TITOLU IV

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 52

1. Importazzjonijiet fil-Komunità ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ghal importazzjoni. Importazzjonijiet fil-Komunita, ta' kwalunkwe prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) u esportazzjonijiet mill-Komunità ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta'importazzjoni jew esportazzjoni.

2. Liċenzi jinħarġu minn l-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment fil-Komunità u mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 55 u 56.

Liċenzi ta'importazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha.

Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tefa' ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma impurtati jew esportati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure* is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

3. Dan li ġej ikun addottat skond il--proċedura stabbilita fl-Artikolu 83.

(a) il-lista ta' prodotti li għalihom hija meħtieġa l-liċenza ta'esportazzjoni u importazzjoni;

(b) it-terminu tal-validita tal-liċenzi u regoli dettaljati oħra għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 53

1. Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1.

2. Għal neċessitajiet li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 2204 30 li għall-applikazzjoni tad-dazji għalihom fit-Tariffa Doganali Komuni tiddependi fuq il-prezz tad-dħul tal-kunsinna mpurtata, l-eżattezza ta' dan il-prezz tkun iċċekkjata bl-użu ta' valur ta' rata l-istess ta'importazzjoni kalkulata mill-Kummissjoni li tiddependi fuq l-oriġini u l-prodott a bażi tal-prezzijiet medji influwenti għall-prodotti in-kwistjoni fis-swieq ta'importazzjoni rappreżentattivi ta' l-Istati Membri jew fejn applikabbli fuq swieq oħra.

Fejn il-prezz tad-dħul iddikjarat għall-konsinja in-kwestjoni huwa ogħla mill-valur ta'importazzjoni bl-istess rata, miżjud b'marġni issettjata skond il-paragrafu 3 li ma tistax teċċedi l-valur bl-istess rata b'aktar minn 10 %, it-tfigħ ta'assigurazzjoni ugwali għad-dazji ta'importazzjoni a bażi tal-valur ta'importazzjoni bl-istess rata jkun meħtieġ.

Jekk il-prezz tad-dħul tal-konsinja inkwistjoni ma jkunx iddikjarat fiż-żmien tal-ħruġ mid-dwana, l-applikazzjoni tar-rati ta' dazju fit-Tariffa Doganali Komuni tiddependi fuq il-valur ta'importazzjoni bl-istess rata jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni doganali taħt kondizzjonijiet li jkunu stabbiliti skond il-paragrafu 3.

3. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 83. Tali regoli dettaljati jkunu jinkludu id-dispożizzjoni meħtieġa għall-verifika tal-prezzijiet ta'importazzjoni.

Artikolu 54

1. Biex ikunu evitati jew milqugħa effetti avversi fis-suq tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1, importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar prodotti bir-rata

ta' dazju stipulat fl-Artikolu 10 ikunu suġġetti għal pagament ta'dazju addizzjonali jekk il-kondizzjonijiet stipulati f'Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż skond Artikolu 228 tat-Trattat fl-ambitu tar-*Round* Urugwajan dwar in-negozjati fuq il-kummerċ multilaterali jkunu ġew esegwiti sakemm l-importazzjonijiet ma jidhrux li se jiddisturbaw s-suq tal-Komunità jew fejn l-effetti jidhru li mhux se jkunu proporzjonati ma' l-oġġettiv intiż.

2. Il-prezzijiet tal-bidu taħt liema dazju addizzjonali jista' jkun impost ikunu dawk mibgħuta mill-Komunità lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-volumi tal-bidu li jridu jinqabżu sabiex ikun impost dazju ta'importazzjoni addizzjonali jkunu stabbiliti partikolarment a bażi ta'importazzjonijiet fil-Komunità fit-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha l-effetti avversi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 jinqalgħu jew ikun hemm ċans li jinqalgħu.

3. Il-prezzijiet ta'importazzjoni li għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni għall-impożizzjoni ta' dazju ta'importazzjoni jkunu deċiżi a bażi tal-prezz ta'importazzjoni *cif* tal-konsinja mbarkata in- kwistjoni.

Il-prezz ta'importazzjoni *cif* ikun ivverifikat għal dan l-iskop a bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott in-kwistjoni fis-suq mondjali jew fis-suq ta'importazzjoni tal-Komunità għall-prodott.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 83. Tali regoli dettaljati jkunu jispeċifikaw partikolarment:

(a) il-prodotti li magħhom jista' jkun applikat dazju ta'importazzjoni addizzjonali skond Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) il-kriterja l-oħra meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 skond Artikolu 5 ta' l-imsemmi Ftehim.

Artikolu 55

1. Safejn hu meħtieġ biex jippermetti l-esportazzjoni ta':

(a) il-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2)(a), (b) u (ċ);

(b) zokkrijiet li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 1701, glukozju u xiropp tal-glukozju li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 1702 30 91, 1702 30 99, 1702 40 90 u 1702 90 50, inklużi l-forom ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 1702 30 51 u 1702 30 59, inkorporati fil-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi KN 2009 60 11, 2009 60 71, 2009 60 79 u 2204 30 99;

a bażi tal-prezzijiet għal dawk il-prodotti fil-kummerċ internazzjonali u fil-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond Artikolu 228 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità jistgħu jkunu koperti mir-rifużjonii ta'esportazzjoni.

2. Għall-allokament tal-kwantitajiet li jistgħu jkunu esportati b'rifużjonii, jkun stabbilit metodu li:

(a) huwa l-aktar addattat għan-natura tal-prodott u għas-sitwazzjoni fis-suq konċernat in- kwistjoni, biex hekk jippermetti l-aktar użu possibbli effiċjenti li għandu jsir mir-riżorsi ottenibbli, waqt li jittieħed rendikont ta'l-effiċjenza u struttura ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità mingħajr, iżda, ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn operaturi żgħar u kbar;

(b) li huwa l-anqas goff, mil-lat amministrattiv, għall-operaturi, waqt li jagħti każ ta' l-imperattivi maniġerjali;

(ċ) li jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi konċernati.

3. Ir-rifużjonijiet ikunu l-istess għall-Komunità kollha. Dawn jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni, fejn is-sitwazzjoni fis-suq internazzjonali jew in-neċessitajiet speċifiċi ta' ċerti swieq jirrendu dan neċessarju.

Ir-rifużjonijiet li għalihom hemm riferenza fil-paragrafu 1 (a) ikunu fissati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 83. Dawn ikunu fissati f'intervalli regolari.

Ir-rifużjonijiet iffissati f'intervalli regolari, fejn hemm bżonn, jistgħu jkunu aġġustati fil-perjodu ta'intervent mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess.

Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 56 rigward il-prodotti li hemm riferenza għalihom fih jkunu japplikaw fuq bażi supplimentari.

4. Ir-rifużjonijiet jingħataw biss fuq talba u l-preżentazzjoni tal-liċenza ta'esportazzjoni rilevanti.

5. Ir-rifużjoni applikabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti mniżżla f'Artikolu 1 jkun dak applikabbli fil-jum ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u, fil-każ ta' rifużjoni differenzjata, dik applikabbli fl-istess jum:

(a) għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja; jew, jekk addattat;

(b) għad-destinazzjoni attwali kemm-il darba dik tkun differenti mid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza. F'dak il-każ, l-ammont applikabbli ma jistax jeċċedi l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza.

Miżuri xierqa jistgħu jittieħdu biex ikun evitat l-abbuż tal-flessibilta provdut għaliha f'dan il-paragrafu.

6. Il-paragrafi 4 u 5 jistgħu jitneħħew fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 li fuqhom rifużjonijiet jitħallsu taħt l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 83.

7. Qbil mal-limiti dwar volumi li joħorġu mill-ftehim konklużi skond Artikolu 228 tat-Trattat ikun żgurat a bażi taċ-ċertifikati ta'esportazzjoni maħruġa għall-perjodi referenzjali li hemm ipprovdut għalihom hemm u applikabbli għall-prodotti konċernati. Fejn jidħol il-qbil ma' l-obligazzjonijiet li joħorġu mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura, t-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

Fejn jidħol il-qbil ma' l-obligazzjonijiet li joħorġu taħt ftehim konklużi fl-ambitu tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali tar-*Round* Urugwajan, it-tmiem ta' perjodu referenzjali ma jkunx jaffettwa l-validita ta' liċenza ta'esportazzjoni.

8. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi d-dispożizzjonijiet rigward ir-redistribuzzjoni ta' kwantitajiet mhux allokati jew mhux użati esportabbli, jkunu addottati skond il-proċedura stabbilita f' Artikolu 83.

Artikolu 56

1. Dan l-Artikolu jkun japplika għar-rifużjonijiet li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 55(1).

2. L-ammont tar-rifużjoni għall-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 55(1)(b) ikun:

— fil-każ ta' zokkor mhux maħdum, zokkor abjad, l-ammont ta' rifużjoni għall-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti m'humiex ipproċessati skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 tat-30 ta' Ġunju 1981 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor u mad-dispożizzjonijiet addottati għall-applikazzjoni tagħha,

— fil-każ ta' glukozju u xiropp tal-glukozju, l-ammont ta' rifużjoni għall-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti m'humiex ipproċessati kif iffissati għal kull wieħed minn dawn il-prodotti skond Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taċ-ċereali u mad-dispożizzjonijiet addottati għall-applikazzjoni tagħhau,

Biex jikkwalifikaw għar-rifużjoni, l-prodotti proċessati jridu, ma' l-esportazzjoni, jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni mingħand l-applikant li tindika l-ammonti ta' zokkor mhux maħdum, zokkor abjad, glukozju u xiropp tal-glukozju użati fil-manifattura tagħhom.

L-eżattezza ta' din id-dikjarazzjoni tkun suġġetta għal iċċekkjar mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati.

3. Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu fissati r-rifużjonijiet:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u tendenzi futuri fejn jidħlu:

— prezzijiet u ottenibilita ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 55(1) fis-suq tal-Komunita;

— prezzijiet tas-suq mondjali għal dawk il-prodotti.

(b) il-*marketing* l-iktar vantaġġuż u l-ispejjeż ta' trasport mis-swieq tal-Komunità għal portijiet jew punti ta'esportazzjoni fil-Komunita, kif ukoll spejjeż magħmula fl-imbarkar għall-pajjiżi tad-destinazzjoni.

(ċ) l-oġġettivi ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid, li jridu jiżguraw ekwilibriju fis-suq u żvilupp naturali fejn jidħlu il-prezzijiet u l-kummerċ fis-suq;

(d) limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond Artikolu 228 tat-Trattat;

(e) il-bżonn li jkunu evitati disturbi fis-suq tal-Komunita;

(f) l-aspett ekonomiku fuq l-esportazzjonijiet proposti.

4. Il-prezzijiet tas-suq tal-Komunità li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 55(1) ikunu stabbiliti a bażi ta' l-aktar prezzijiet vantaġġużi għall-esportazzjoni.

Dan li ġej jittieħed in-konsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-prezzijiet fil-kummerċ internazzjonali li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 55(1):

(a) il-prezzijiet rekordjati f'pajjiżi barra l-Komunita;

(b) l-aktar prezzijiet favorevoli f'pajjiżi barra l-Komunità tad-destinazzjoni għal-importazzjonijiet minn pajjiżi barra l-Komunita;

(ċ) prezzijiet ta' produtturi irrekordjati f'pajjiżi barra l-Komunità esportaturi, billi tittieħed konsiderazzjoni, fejn suppost, ta' sussidji mogħtija f'dawk il-pajjiżi;

(d) prezzijiet ta'offerta ħielsa-fuq-il-fruntiera.

5. Mingħajr preġudizzju għat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(3), l-intervalli f'liema l-lista tal-prodotti għal liema rifużjoni hija attwalment mogħtija għandhom ikunu fissati u bl-ammont b'liema dik ir-rifużjoni għandha tkun iffissata titwaqqaf skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 83.

6. Ir-rifużjoni titħallas ma' prova li l-prodotti:

— huma ta'oriġni tal-Komunita, għajr fejn japplika l-paragrafu 7,

— ġew esportati mill-Komunita, u

— fil-każ tar-rifużjoni differenzjata, waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenza jew destinazzjonijiet oħra li għaliha kienet iffissata r-rifużjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55(5)(b). Madankollu, eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal din ir-regola skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 83, basta jkunu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.

Dispożizzjonijiet addizzjonali jistgħu jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 83.

7. Ebda rifużjonijiet ta'esportazzjoni ma jingħataw fuq prodotti li jkunu impurtati minn pajjiżi barra l-Komunità u li jerġgħu jiġu esportati lejn pajjiżi barra l-Komunita, sakemm l-esportatur ma jippruvax li:

— l-prodott li għandu jiġi esportat u l-prodott importat qabel huma l-istess;

— kull dazju ta'importazzjoni kien miġbur ma' l-importazzjoni.

F'tali każijiet ir-rifużjoni fuq kull prodott ikun ugwali għad-dazji miġbura ma' l-importazzjoni fejn dawn huma ugwali jew aktar baxxi mir-rifużjoni applikabbli; fejn id-dazji miġbura ma' l-importazzjoni huma ogħla mir-rifużjoni applikabbli, ir-rifużjoni tkun ugwali għal ta' l-aħħar.

Artikolu 57

1. Safejn hu meħtieġ għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, il-Kunsill, b'aġir fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jista' f'każi speċjali jipprojbixxi fit-total jew f'parti l-użu ta'arranġamenti ta' proċessar intern fejn jidħlu l-prodotti mniżżla f'Artikolu 1.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk is-sitwazzjoni li għaliha hemm riferenza f'dak il-paragrafu tinqala' b'urġenza partikolari u s-suq tal-Komunità jkun disturbat jew jista' jkun iddisturbat minn arranġament ta' proċessar intern jew estern, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri meħtieġa; il-Kunsill u l-Istati Membri jkunu mgħarrfa b'tali miżuri, li jkunu validi għal mhux aktar minn sitt xhur u jkunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tkun irriferuta lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih huwa kien notifikat. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li ġiet imwarrba.

Artikolu 58

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew in segwitu għad-dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej jkun ipprojbit:

— li jsiru levies ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 59

1. L-importazzjoni tal-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(2) li magħhom ġie miżjud l-alkoħol, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-prodotti li oriġinaw fil-Komunità rigward liema tali taħlita hija permessa in segwitu għall-Artikolu 25(1) u (2), jkunu projbiti.

2. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, u partikularment il-kondizzjonijiet għall-ekwivalenza tal-prodotti, jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 83.

Artikolu 60

1. Jekk, minħabba importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew iktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(2) ikun affettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jipperikola l-akkwist tal-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Sabiex ikun assessjat jekk is-sitwazzjoni tiġġustifikax l-applikazzjoni ta' tali miżuri, dan li ġej irid jittieħed partikolarment in-konsiderazzjoni:

(a) l-kwantitajiet fejn jidħlu liċenzi ta' importazzjoni li kienu maħruġa jew bazati fuq applikazzjoni u l-figuri mogħtija fil-bilanċ tal-provediment ippronostikat;

(b) fejn xieraq, l-iskala ta' l-intervent.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi l-każi u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi temporanji.

2. Jekk tinqala' s-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; bl-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat.'

Artikolu 61

1. Inbid impurtat destinat għal konsum dirett uman u deskritt bl-għajnuna ta'askrizzjoni ġeografika jista' jkun eliġibbli, fejn jidħol il-*marketing* tiegħu fil-Komunità u bil-kundizzjoni li teżisti reċiproċita għall-arranġamenti ta' kontroll u protezzjoni li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 823/87 għal inbejjed ta' kwalita prodotti f'reġjuni speċifikati.

2. Id-dispożizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 tkun implimentata permezz ta'arranġamenti ma' pajjiżi barra l-Komunità interessati biex tkun negozjata u konkluża skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 113 tat-Trattat.

3. Ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 83."

2. Dan li ġej huwa infilsat f'Artikolu 72:

"Artikolu 72a

1. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jippermettu partijiet interessati ħalli jipprojbixxu, fuq it-termini stabbiliti fl-Artikoli 23 u 24 tal-Ftehim dwar l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjeta Intellettwali, l-użu fil-Komunità ta' indikazzjonijiet ġeografiċi meħmuża mal-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(b) għal prodotti li ma joriġinawx fil-post indikat mill-indikazzjoni ġeografika in-kwistjoni, anke fejn l-oriġini vera tal-prodotti hija indikata jew l-indikazzjoni ġeografika hija wżata fit-traduzzjoni jew akkumpanjata b'espressjonijiet tali bħal 'kwalita', 'tip', 'stil', 'imitazzjoni' jew simili

Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, 'indikazzjonijiet Ġeografiċi' hija meħuda li tfisser indikazzjonijiet li jidentifikaw prodott bħala li joriġina fit-territorju ta' pajjiż barra l-Komunità li huwa membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew f'reġjun jew lokalita f'dak it-territorju, f'każi fejn ċerta kwalita, reputazzjoni jew karatteristiċi ohra mogħtija tal-prodott jistgħu jkunu attribwiti għal dak il-post ta'oriġini ġeografiku.

2. Il-paragarafu 1 japplika minkejja dispożizzjonijiet speċifiċi oħrajn fil-leġislazzjoni tal-Komunità li jistipulaw regoli għad-desinjazzjoni u l-prezentazzjoni tal-prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(b).

3. Ir-regoli dettaljati ghall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati, jekk ikun meħtieġ, skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 83."

3. L-Anness VII huwa mħassar.

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 344/79 tal-5 ta' Frar 1979 (GU Nru L 54, tal-5.3.1979, p. 67)*

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 345/79 tal-5 ta' Frar 1979 (GU Nru L 54, tal-5.3.1979, p. 69), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2009/81 (GU Nru L 195, tat-18.7.1981, p. 6)

Ir-Regolamenti ta'hawn fuq huma mħassra.

ANNESS XVII

TABAKK

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 (GU Nru L 215, 30 7. 1992, p. 70)

It-Titolu IV ikun sostitwit b'dan li ġej:

"TITOLU IV

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 15

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla f'Artikolu 1.

Artikolu 16

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

(a) li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

(b) l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 16a

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 ikun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi f'liema każijiet u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

ANNESS XVIII

HOPS

Regolament tal-Kunsill (KEE) nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 (GU Nru L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3124/92 (GU Nru L 313, tat-30.10.1992, p. 1)

It-Titolu V jkun sostitwit b'dan li ġej:

"TITOLU V:

Kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita

Artikolu 14

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla f'Artikolu 1.

Artikolu 15

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej ikun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li *jsiru* levies ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 15a

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla f'Artikolu 1 jkun affettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta'l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi f'liema każi u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk tinqala' s-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; bl-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

ANNESS XIX

SIĠAR ĦAJJIN U PJANTI OĦRA, BASAL, GĦERUQ U SIMILI, FJURI MAQTUGĦA U WERAQ ORNAMENTALI

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 tas-27 ta' Frar 1968 (GU Nru L 55, tat-2.3.1968, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3336/92 (GU Nru L 336, ta' l-20.11.1992, p. 1)*

L-Artikoli 8, 9 u 10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Importazzjonijiet fil-Komunità ta' kwalunkwe prodotti mniżżla f'Artikolu 1 jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' importazzjoni.

Liċenzi jkunu maħruġa mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post tiegħu ta' stabbiliment fil-Komunita.

Liċenzi ta'importazzjoni jkunu validi fil-Komunità kollha. Tali liċenzi jinħarġu suġġetti għat-tfigħ ta' garanzija ta' sigurtà li l-prodotti huma mpurtati matul terminu ta' validita tal-liċenza; għajr f'każijiet ta' *force majeure*, is-sigurtà titneħħa fit-total jew f'parti jekk l-importazzjoni ma ssirx, jew issir biss parzjalment, fl-imsemmi perjodu.

2. It-terminu tal-validita tal-liċenza u regoli dettaljati ghall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu adottati skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 14.

Artikolu 9

Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla f'Artikolu 1.

Artikolu 10

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej ikun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 10a

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta'l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi f'liema każi u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; b-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni taddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 14.

5. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3280/75 tas-16 ta' Diċembru 1975 (GU Nru L 326, tat-18.12.1975, p. 4)*

Ir-Regolament ta'ħawn fuq huwa mħassar.

ANNESS XX

ŻRIERAGĦ

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 tas-26 ta' Ottubru 1971 (GU Nru L 246, tal-5.11.1971, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3375/93 (GU Nru L 303, ta' l-10.12.1993, p. 9)*

1. L-Artikoli 5, 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 5

1. Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla f'Artikolu 1.

2. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

Artikolu 6

Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet li joħorġu minnu, dan li ġej jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 7

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, s-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla f'Artikolu 1 jkun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta'l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi f'liema każi u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1 tinqala', l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; bl-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

2. L-Artikolu 8a huwa mħassar.

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1578/72 ta' l-20 ta' Lulju 1972 (GU Nru L 168, tas-26.7.1972, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1984/86 (GU Nru L 171, tat-28.6.1986, p. 3)*

Ir-Regolament ta'hawn fuq huwa mħassar.

ANNESS XXI

REGOLAMENTI OĦRA

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 827/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 (GU Nru L 151, tat-30.6.1968, p. 16), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 794/94 (GU Nru L 92, tad-9.4.1994, p. 15)*

1. L-Artikoli 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 2

1. Dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, ir-rati tad-dazju fit-Tariffa Doganali Komuni jkunu japplikaw għall-prodotti mniżżla fl-Anness.

2. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kombinata u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha jkunu japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni.

3. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'dispożizzjonijiet addottati in segwitu għalih u suġġetti għall-obligazzjonijiet li joħorġu minn ftehim internazzjonali rigward il-prodotti mniżżla fl-Anness, dan li ġej ikun projbit fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunita;

— li jsiru *levies* ta' kwalunkwe ħlas li jkollhom effetti ekwivalenti għal dazju doganali,

— l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 3

1. Jekk, minħabba żieda fl-importazzjoni jew l-esportazzjoni, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti mniżżla fl-Anness ikun effettwat minn, jew mhedded b'disturb serju li jista' jtellef l-akkwist ta' l-oġġettivi stipulati f'Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri neċessarji jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi barra l-Komunità sakemm tali disturb jew theddida ta' disturb ikunu eliminati.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat, jadotta r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi f'liema każi u f'liema limiti l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri ptrotettivi.

2. Jekk tinqala' s-sitwazzjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; l-Istati Membri jkunu notifikati b'tali miżuri, li jkunu applikabbli minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minghand Stat Membru, din tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunklwe Stat Membru fi żmien ġimgħa mill-jum li fih kienu notifikati. Il-Kunsill jiltaqa' bla dewmien. Huwa jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jannulla l-miżura in-kwistjoni.

4. Dan l-Artikolu jkun japplika waqt li jqis l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat."

2. L-Artikolu 6 ikun sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Fejn issir riferenza għal dan l-Artikolu, miżuri jkunu addottati skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE u l-Artikoli korrispondenti tar-regolamenti l-oħrajn dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli."

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/79 tal-5 ta' Frar 1979 (GU Nru L 34, tad-9.2.1979, p. 2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3209/89 (GU Nru L 312, tas-27.10.1989, p. 5)*

L-Artikolu 2(2) huwa mħassar.

ANNESS XXII

IR-REĠJUNI TA' BARRA NETT

I. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 (GU Nru L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3714/92 (GU Nru L 378, tat-23.12.1992, p. 23)*

L-Artikolu 2(2) ikun emendat kif ġej:

(a) Fl-ewwel sotto-paragrafu, il-parti tas-sentenza li taqra: "Il-*levies* iffissati in segwitu għall-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali" tkun irrimpjazzata minn:

"Id-dazji tA'importazzjoni provdut għalihom fit-Tariffa Doganali Komuni".

(b) Fit-tieni paragrafu, il-kliem "il-*levy* (eżenzjoni)" huma rimpjazzati minn "(eżenżjoni minn) dazju ta'importazzjoni".

II. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1600/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 (GU Nru L 173, tas-27.6.1992, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3714/92 (GU Nru L 378, tat-23.12.1992, p. 23)*

1. Fl-Artikolu 3(1), il-kliem "*levies* u/jew" huma mħassra.

2. Fl-Artikolu 5(1)(a), il-kliem "u/jew *levies* li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella" huma mħassra.

3. F'Artikolu 7, il-kliem "levy u/jew" huma mħassra.

III. *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 (GU Nru L 173, tas-27.6.1992, p. 13), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3714/92 (GU Nru L 378, tat-23.12.1992, p. 23)*

1. Fl-Artikolu 3(1), il-kliem "levies u/jew" huma mħassra.

2. Fl-Artikolu 5(1)(a), il-kliem "u/jew *levies* li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 9 tar-regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68" huma mħassra.